SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Ir-Raba' Awla Estiża)

2 ta' Ottubru 2024*

"Kuntratti pubbliċi – Regolament finanzjarju – Esklużjoni għal perijodu ta' sentejn mill-proċeduri ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi u ta' għoti ta' sussidji ffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni u mill-FEŻ – Pubblikazzjoni tal-esklużjoni – Inklużjoni fid-database tas-sistema ta' identifikazzjoni bikrija u ta' esklużjoni – Imġiba professjonali ħażina serja – Deċiżjoni ta' awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni – Sospensjoni mill-qorti nazzjonali – Obbligu ta' motivazzjoni – Dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva – Miżuri korrettivi – Ġurisdizzjoni sħiħa – Żball manifest ta' evalwazzjoni – Żball ta' evalwazzjoni – Proporzjonalità"

Fil-Kawża T-126/23,

VC, irrappreżentata minn J. Rodríguez Cárcamo u S. Centeno Huerta, avukati,

rikorrenti,

vs

L-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA), irrappreżentata minn E. Ortega Urretavizcaya, bħala aġenta, assistita minn M. Troncoso Ferrer, L. Lence de Frutos u F.-M. Hislaire, avukati,

konvenuta,

IL-QORTI ĠENERALI (Ir-Raba' Awla Estiża),

komposta minn S. Papasavvas, President, R. da Silva Passos, S. Gervasoni (Relatur), N. Półtorak u I. Reine, Imħallfin,

Reġistratur: A. Juhász-Tóth, Amministratriċi,

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura,

wara t-talba tar-rikorrenti li jitħallew barra ċerti dettalji tagħha, fosthom isimha,

wara t-talba għal miżuri provviżorji tar-rikorrenti,

* Lingwa tal-proċedura: l-Ispanjol.

wara d-digriet tat-13 ta' Marzu 2023, VC vs EU-OSHA (T-126/23 R, mhux ippubblikat), li jordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata sal-adozzjoni tad-digriet li jtemm il-proċedura għal miżuri provviżorji quddiem il-Qorti Ġenerali,

wara d-digriet tal-14 ta' Lulju 2023, VC vs EU-OSHA (T-126/23 R, mhux ippubblikat, EU:T:2023:405), li jirtira dan id-digriet u jordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata, sa fejn din id-deċiżjoni tipprevedi, fl-Artikolu 4 tagħha, il-pubblikazzjoni fuq is-sit internet tal-Kummissjoni Ewropea ta' ċerta informazzjoni li tirrigwarda l-esklużjoni tar-rikorrenti mill-parteċipazzjoni f'ċerti proċeduri,

wara l-appell ippreżentat mir-rikorrenti minn dan id-digriet u d-digriet tas-27 ta' Lulju 2023, VC vs EU-OSHA (C-456/23 P(R)-R, mhux ippubblikat, EU:C:2023:612), adottat abbażi tal-Artikolu 160(7) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, li jordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-Artikoli 1 sa 3 u 5 tad-Deċiżjoni kkontestata sal-adozzjoni tad-digriet li jingħata l-ewwel bejn dak li jtemm il-proċedura għal miżuri provviżorji u dak li jiddeċiedi l-appell,

wara d-digriet tal-24 ta' Ottubru 2023, VC vs EU-OSHA (C-456/23 P(R), mhux ippubblikat, EU:C:2023:831), li jannulla d-digriet tal-14 ta' Lulju 2023, VC vs EU-OSHA (T-126/23 R, mhux ippubblikat, EU:T:2023:405), sa fejn dan kien ċaħad it-talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-Artikoli 1 sa 3 u 5 tad-Deċiżjoni kkontestata, u li ddeċieda huwa stess dwar din it-talba, billi ċaħad ukoll l-imsemmija talba,

wara r-rinviju ta' din il-kawża quddiem ir-Raba' Awla Estiża tal-Qorti Ġenerali,

wara n-nomina ta' mħallef ieħor sabiex jikkompleta l-Awla wara l-impediment ta' wieħed mill-membri tagħha,

wara t-talba għal miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura mressqa mir-rikorrenti fit-23 ta' April 2024, l-osservazzjonijiet tal-EU-OSHA dwar din it-talba ppreżentati fl-10 ta' Mejju 2024 u l-irtirar mir-rikorrenti tat-talba tagħha fit-13 ta' Mejju 2024,

wara s-seduta tas-16 ta' Mejju 2024,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti, VC, titlob l-annullament tad-deċiżjoni tal-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA) tat-13 ta' Jannar 2023 li tordna l-esklużjoni tagħha mill-parteċipazzjoni fil-proċeduri ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi, fil-proċeduri li jirrigwardaw sussidji, prezzijiet, għotjiet u strumenti finanzjarji rregolati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea kif ukoll fil-proċeduri għall-għoti li jirrigwardaw il-Fond Ewropew tal-Iżvilupp (FEŻ) irregolati mir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877 tas-26 ta' Novembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il FEŻ, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2015/323 (ĠU 2018, L 307, p. 1), għal perijodu ta' sentejn b'effett mit-18 ta' Jannar 2023 (Artikoli 1 u 2), l-inklużjoni ta' isimha fid-database tas-sistema ta' identifikazzjoni bikrija u ta' esklużjoni matul il-perijodu ta' esklużjoni (Artikolu 3) u l-pubblikazzjoni fuq is-sit internet tal-Kummissjoni ta' ċerta informazzjoni li tirrigwarda l-esklużjoni (Artikolu 4) (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni kkontestata").

Fatti li wasslu għall-kawża u fatti sussegwenti għall-introduzzjoni tar-rikors

2 Fil-11 ta' Mejju 2021, l-EU-OSHA ppubblikat is-sejħa għal offerti EUOSHA/2021/OP/F/SE/0144 għall-provvista ta' servizzi ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u ta' servizzi tal-internet. Dan il-kuntratt kien maqsum fi tliet lottijiet.

3 Fl-istess ġurnata, il-Comisión Nacional de los Mercados y la Competencia (CNMC, il-Kummissjoni Nazzjonali tal-Kuntratti u tal-Kompetizzjoni, Spanja) adottat deċiżjoni li tikkonstata li r-rikorrenti kienet ipparteċipat fi ksur uniku u kontinwu tad-dritt tal-kompetizzjoni u ssanzjonata b'multa kif ukoll bi projbizzjoni li tingħata kuntratti mill-amministrazzjoni Spanjola (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni taċ-CNMC"). Skont iċ-CNMC, bejn Marzu 2009 u Mejju 2017, ir-rikorrenti, flimkien ma' diversi impriżi oħra, ipparteċipat f'network kollaborattiv, li fi ħdanu l-parteċipanti skambjaw informazzjoni kummerċjalment sensittiva u pparteċipaw fi strateġiji komuni intiżi sabiex jeliminaw il-kompetizzjoni f'ċerti sejħiet għal offerti għall-provvista ta' servizzi ta' konsulenza lill-amministrazzjonijiet Spanjoli u lil organi pubbliċi oħrajn.

4 Fil-21 ta' Ġunju 2021, ir-rikorrenti ppreżentat offerta fit-tieni lott tal-kuntratt inkwistjoni, li jirrigwarda l-provvista ta' servizzi ta' sostenn u ta' konsulenza fil-ġestjoni ta' proġett.

5 Wara li saret taf bid-deċiżjoni taċ-CNMC, l-EU-OSHA talbet lir-rikorrenti, fid-29 ta' Lulju 2021, tippreċiżalha r-raġunijiet li għalihom naqset milli ssemmi din id-deċiżjoni fid-dikjarazzjoni fuq l-unur tagħha u jekk hija kinitx ħadet miżuri korrettivi sabiex tirrimedja l-ksur ikkonstatat.

6 Ir-rikorrenti wieġbet, fl-24 ta' Awwissu 2021, li hija ma kinitx iddikjarat id-deċiżjoni taċ-CNMC, għaliex din, minn naħa, ma kinitx definittiva, peress li l-Audiencia Nacional (il-Qorti Nazzjonali, Spanja) ma kinitx iddeċidiet la dwar ir-rikors ippreżentat kontra din id-deċiżjoni, u lanqas dwar it-talba għal miżuri provviżorji, u min-naħa l-oħra, ma kinitx tinkludi projbizzjoni effettiva tal-parteċipazzjoni f'kuntratti pubbliċi fl-assenza ta' determinazzjoni tal-portata tal-projbizzjoni mill-Ministru għall-Ekonomija u għall-Finanzi Spanjol.

7 Fl-10 ta' Frar 2022, l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli talab lill-Bord imlaqqa' skont l-Artikolu 143 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU 2018, L 193, p. 1, rettifika fil-ĠU 2019, L 60, p. 36), iktar 'il quddiem ir-"Regolament finanzjarju") jagħti rakkomandazzjoni dwar l-esklużjoni jew is-sanzjoni finanzjarja tar-rikorrenti.

8 Fil-11 ta' April 2022, l-Audiencia Nacional (il-Qorti Nazzjonali) ordnat is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni taċ-CNMC (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni nazzjonali ta' sospensjoni").

9 Fit-13 ta' Lulju 2022, il-Bord imlaqqa' skont l-Artikolu 143 tar-Regolament finanzjarju (iktar 'il quddiem il-"Bord") innotifika lir-rikorrenti l-klassifikazzjoni preliminari tal-aġir ta' din tal-aħħar fis-sens tal-Artikolu 136(2) tar-Regolament finanzjarju.

10 Fit-22 ta' Awwissu 2022, ir-rikorrenti ppreżentat l-osservazzjonijiet tagħha dwar din il-klassifikazzjoni preliminari.

11 Fit-8 ta' Diċembru 2022, il-Bord indirizza r-rakkomandazzjoni tiegħu lill-EU-OSHA. Billi qies li l-aġir tar-rikorrenti għandu jiġi kkunsidrat bħala "mġiba professjonali ħażina serja", huwa rrakkomanda l-esklużjoni tagħha u l-pubblikazzjoni ta' din l-esklużjoni.

12 Permezz tad-Deċiżjoni kkontestata, innotifikata lir-rikorrenti fis-17 ta' Jannar 2023, l-EU-OSHA segwiet din ir-rakkomandazzjoni u ordnat:

– l-esklużjoni tar-rikorrenti mill-parteċipazzjoni fil-proċeduri ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi u minn dawk li jirrigwardaw sussidji, prezzijiet, għotjiet u strumenti finanzjarji rregolati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni kif ukoll fil-proċeduri għall-għoti li jirrigwardaw il-FEŻ irregolati mir-Regolament 2018/1877, għal perijodu ta' sentejn b'effett mit-18 ta' Jannar 2023 (Artikoli 1 u 2);

– l-inklużjoni tal-isem tar-rikorrenti fid-database tas-sistema ta' identifikazzjoni bikrija u ta' esklużjoni prevista fl-Artikolu 142(1) tar-Regolament finanzjarju, matul il-perijodu ta' esklużjoni (Artikolu 3);

– il-pubblikazzjoni fuq is-sit internet tal-Kummissjoni, tliet xhur wara n-notifika tal-imsemmija deċiżjoni, ta' ċerta informazzjoni li tirrigwarda l-esklużjoni tar-rikorrenti mill-parteċipazzjoni fil-proċeduri għall-għoti, skont l-Artikolu 140 tar-Regolament finanzjarju (Artikolu 4);

– in-notifika ta' din id-deċiżjoni lir-rikorrenti (Artikolu 5).

13 Wara l-introduzzjoni tar-rikors f'din il-kawża, ir-rikorrenti talbet lill-EU-OSHA, fil-21 ta' Novembru 2023, ir-reviżjoni tad-Deċiżjoni kkontestata abbażi tal-Artikolu 136(8) tar-Regolament finanzjarju.

Talbiet tal-partijiet

14 Ir-rikorrenti titlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tannulla d-Deċiżjoni kkontestata;

– sussidjarjament, tissostitwixxi l-miżura ta' esklużjoni b'sanzjoni finanzjarja u/jew tannulla l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni kkontestata;

– tikkundanna lill-EU-OSHA għall-ispejjeż.

15 L-EU-OSHA talbet lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors;

– tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

Id-dritt

16 Ir-rikorrenti tqajjem ħames motivi insostenn tar-rikors tagħha. L-ewwel motiv jikkritika n-nuqqas ta' osservanza tad-deċiżjoni nazzjonali ta' sospensjoni u t-tieni motiv l-evalwazzjoni ta' miżuri korrettivi adottati mir-rikorrenti. It-tielet motiv huwa bbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta'

proporzjonalità bl-adozzjoni tas-sanzjoni ta' esklużjoni. Ir-raba' motiv jikkontesta l-pubblikazzjoni tal-esklużjoni. Permezz tal-ħames motiv, invokat sussidjarjament, ir-rikorrenti tikkritika lill-EU-OSHA li ma evalwatx l-applikazzjoni ta' sanzjoni finanzjarja bħala alternattiva għall-esklużjoni.

Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq in-nuqqas ta' osservanza tad-deċiżjoni nazzjonali ta' sospensjoni

Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq il-ksur tal-Artikolu 106(2) tar-Regolament finanzjarju preċedenti, tal-Artikolu 136(2) tar-Regolament finanzjarju, tal-Artikolu 4(3) TUE u tal-Artikolu 325(1) TFUE

17 Ir-rikorrenti tiddikjara li mill-Artikolu 106 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU 2012, L 298, p. 1), kif emendat b'mod partikolari bir-Regolament (UE, Euratom) 2015/1929 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ottubru 2015 (ĠU 2015, L 286, p. 1) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament finanzjarju preċedenti"), u mill-Artikolu 136 tar-Regolament finanzjarju, sa fejn jimponu, fil-paragrafu 1 tagħhom, l-esklużjoni ta' entitajiet ħatja ta' mġiba professjonali ħażina serja kkonstatata b'deċiżjoni nazzjonali definittiva, u sa fejn jippermettu, fil-paragrafu 2 tagħhom, tali esklużjoni abbażi ta' klassifikazzjoni preliminari mill-awtoritajiet tal-Unjoni abbażi ta' deċiżjoni nazzjonali mhux definittiva, jirriżulta li l-awtoritajiet tal-Unjoni għandhom josservaw ukoll id-deċiżjonijiet adottati b'mod kawtelatorju mill-qrati nazzjonali fir-rigward ta' deċiżjonijiet amministrattivi nazzjonali mhux definittivi, b'mod partikolari meta, bħal f'dan il-każ, l-imsemmija awtoritajiet ma jeżerċitaw huma stess ebda attività investigattiva. Għalhekk, fil-każ ta' sospensjoni tad-deċiżjoni li sservi bħala bażi esklużiv għall-klassifikazzjoni preliminari fuq imsemmija, din id-deċiżjoni ma tistax tintuża iktar sabiex titwettaq l-imsemmija klassifikazzjoni. Ir-rikorrenti tenfasizza li d-deċiżjoni nazzjonali ta' sospensjoni, anki mingħajr ma tikkonstata eżami tal-*fumus boni juris*, tikkontesta l-validità u l-legalità tad-deċiżjoni taċ-CNMC. Hija tirrileva wkoll is-similarità bejn l-għan imfittex mill-esklużjoni deċiża mid-Deċiżjoni kkontestata u dak imfittex mill-miżura ta' projbizzjoni ta' għoti ta' kuntratti deċiża miċ-CNMC, li jikkorrispondi għal sanzjoni karatteristika tal-qasam ta' kuntratti pubbliċi u li kienet sospiża mid-deċiżjoni nazzjonali ta' sospensjoni.

18 Barra minn hekk, ir-rikorrenti tibbaża ruħha fuq l-Artikolu 325 TFUE, li jirrigwarda l-ġlieda kontra l-frodi, u fuq l-Artikolu 4(3) TUE li jistabbilixxi l-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, sabiex tenfasizza l-kontradizzjoni manifesta bejn id-deċiżjoni nazzjonali ta' sospensjoni u d-Deċiżjoni kkontestata, li tirriżulta minn nuqqas evidenti ta' koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, li barra minn hekk hija meħtieġa minn dawn id-dispożizzjonijiet.

19 Preliminarjament, għandu jitfakkar li r-regoli proċedurali japplikaw, bħala prinċipju, għall-proċeduri pendenti kollha sa mid-data li fiha jidħlu fis-seħħ, għall-kuntrarju tar-regoli sostantivi li ġeneralment jiġu interpretati li ma japplikawx, bħala prinċipju, għal sitwazzjonijiet li ġraw qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-12 ta' Novembru 1981, Meridionale Industria Salumi *et*, 212/80 sa 217/80, EU:C:1981:270, punt 9; tas-6 ta' Lulju 1993, CT Control (Rotterdam) u JCT Benelux vs Il-Kummissjoni, C-121/91 u C-122/91, EU:C:1993:285, punt 22; u tas-26 ta' Marzu 2015, Il-Kummissjoni vs Moravia Gas Storage, C-596/13 P, EU:C:2015:203, punt 33). Konsegwentement, ir-regoli applikabbli għall-proċedura ta' esklużjoni inkwistjoni huma dawk tar-Regolament finanzjarju, li daħlu

fis-seħħ fl-2018, filwaqt li r-regoli sostantivi applikabbli għal din l-esklużjoni huma dawk tar-Regolament finanzjarju preċedenti, fis-seħħ fid-data tal-ksur uniku u kontinwu li minnu oriġinat l-esklużjoni, li ntemm fl-2017.

20 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li l-Artikolu 106 tar-Regolament finanzjarju preċedenti u l-Artikolu 136 tar-Regolament finanzjarju huma identiċi fid-dispożizzjonijiet tagħhom rilevanti għal dan il-każ.

21 Għalhekk, skont il-paragrafu 1(c)(ii) tagħhom, persuna jew entità hija eskluża mill-parteċipazzjoni fil-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti rregolati mir-Regolament finanzjarju meta jkun ġie stabbilit b'sentenza definittiva jew deċiżjoni amministrattiva definittiva li l-persuna jew l-entità hija ħatja ta' mġiba professjonali ħażina serja billi kisret dispożizzjonijiet leġiżlattivi jew regolamentari applikabbli jew standards etiċi tal-professjoni tagħha, jew billi adottat aġir illegali li għandu impatt fuq il-kredibbiltà professjonali tagħha, fejn dan it-tip ta' aġir jindika intenzjoni ħażina jew negliġenza serja, b'mod partikolari, fil-każ ta' konklużjoni ta' ftehim ma' persuni jew entitajiet oħra bil-għan li tiġi kkawżata distorsjoni tal-kompetizzjoni.

22 Bl-istess mod, skont l-ewwel u t-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2 tagħhom, fl-assenza ta' sentenza definittiva, jew jekk ikun il-każ, ta' deċiżjoni amministrattiva definittiva skont il-paragrafu 1(c), l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli jeskludi l-persuna jew l-entità abbażi ta' klassifikazzjoni ġuridika preliminari tal-aġir ta' din tal-aħħar, meħuda inkunsiderazzjoni l-fatti stabbiliti jew konstatazzjonijiet oħra li jinsabu fir-rakkomandazzjoni mogħtija mill-Bord. Din il-klassifikazzjoni preliminari ma tippreġudikax l-evalwazzjoni tal-aġir tal-persuna jew tal-entità kkonċernata mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri skont id-dritt nazzjonali. Wara n-notifika tas-sentenza definittiva jew tad-deċiżjoni amministrattiva definittiva, l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli għandu jeżamina mill-ġdid mingħajr dewmien id-deċiżjoni tiegħu li jeskludi l-persuna jew l-entità u/jew li jimponilha sanzjoni finanzjarja. Jekk is-sentenza definittiva jew id-deċiżjoni amministrattiva definittiva ma tipprevedix il-perijodu tal-esklużjoni, l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responabbli jistabbilixxi dan il-perijodu abbażi tal-fatti stabbiliti u tal-konstatazzjonijiet, billi jieħu inkunsiderazzjoni r-rakkomandazzjoni mogħtija mill-Bord.

23 Skont it-tielet subparagrafu tal-paragrafu 2 tagħhom, meta s-sentenza definittiva jew id-deċiżjoni amministrattiva definittiva tqis li l-persuna jew l-entità ma hijiex ħatja tal-aġir li kien is-suġġett ta' klassifikazzjoni ġuridika preliminari, u li abbażi tiegħu hija ġiet eskluża, l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli għandu jtemm dik l-esklużjoni u/jew jirrimborsa mingħajr dewmien, kif xieraq, is-sanzjoni finanzjarja li kienet imposta. Barra minn hekk, skont ir-raba' subparagrafu tal-paragrafu 2 tagħhom, il-fatti u l-konstatazzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu jinkludu b'mod partikolari, il-fatti stabbiliti fil-kuntest ta' awditi jew investigazzjonijiet imwettqa mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) jew kwalunkwe verifika, awditu jew kontroll ieħor li jitwettaq taħt ir-responsabbiltà tal-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni kif ukoll id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jirrigwardaw il-ksur tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-kompetizzjoni jew id-deċiżjonijiet ta' awtorità nazzjonali kompetenti li jirrigwardaw il-ksur tad-dritt tal-Unjoni jew tad-dritt nazzjonali fil-qasam tal-kompetizzjoni.

24 Minn dawn id-dispożizzjonijiet jirriżulta li entità hija eskluża mill-parteċipazzjoni fil-proċeduri kkonċernati jew meta huwa stabbilit li hija ħatja ta' mġiba professjonali ħażina serja permezz ta' sentenza definittiva jew deċiżjoni amministrattiva definittiva, jew, fl-assenza ta' sentenza definittiva jew ta' deċiżjoni amministrattiva definittiva, abbażi ta' klassifikazzjoni ġuridika

preliminari tal-aġir tagħha mill-awtorità kompetenti tal-Unjoni fid-dawl ta' fatti stabbiliti jew ta' konstatazzjonijiet magħmula b'mod partikolari bid-deċiżjonijiet ta' awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni.

25 Minn dan jirriżulta li l-assenza ta' sentenza jew ta' deċiżjoni ta' natura definittiva li jikkonstataw l-aġir illegali inkwistjoni ma tostakolax l-adozzjoni ta' miżura ta' esklużjoni mill-awtorità kompetenti tal-Unjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-9 ta' Frar 2022, Elevolution – Engenharia vs Il-Kummissjoni, T-652/19, mhux ippubblikata, EU:T:2022:63, punt 76, u tal-21 ta' Diċembru 2022, Vialto Consulting vs Il-Kummissjoni, T-537/18, mhux ippubblikata, EU:T:2022:852, punt 142).

26 Minn dan tiġi dedotta wkoll il-volontà tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jippermetti lill-awtorità kompetenti tal-Unjoni tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar l-atti mwettqa mill-operatur ekonomiku kkonċernat, mingħajr ma tistenna li qorti tagħti s-sentenza tagħha (ara, b'analoġija, is-sentenza tad-19 ta' Ġunju 2019, Meca, C-41/18, EU:C:2019:507, punt 31). Dan japplika wkoll għall-effikaċja tas-sistema ta' esklużjoni, li timplika li din tiġi applikata malajr kemm jista' jkun, mingħajr ma tistenna sentenza definittiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Frar 2022, Elevolution – Engenharia vs Il-Kummissjoni, T-652/19, mhux ippubblikata, EU:T:2022:63, punt 77).

27 Barra minn hekk, l-elementi li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni f'dan ir-rigward huma speċifikati, b'lista mhux eżawrjenti, fir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 106(2) tar-Regolament finanzjarju preċedenti kif ukoll fir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 136(2) tar-Regolament finanzjarju (ara l-punt 23 iktar 'il fuq), u huma bbażati, b'mod partikolari, fuq l-attivitajiet ta' investigazzjoni ta' entitajiet oħra tal-Unjoni jew tal-Istati Membri, b'tali mod li huwa irrilevanti jekk l-awtorità tal-Unjoni kkonċernata tipproċedix hija stess għal investigazzjoni qabel tadotta d-deċiżjoni ta' esklużjoni eventwali tagħha.

28 Għalhekk, f'dan il-każ, kienet l-EU-OSHA, fl-assenza ta' deċiżjoni definittiva, peress li kien ġie ppreżentat rikors kontra d-deċiżjoni taċ-CNMC u kien pendenti fid-data tad-Deċiżjoni kkontestata, li kellha twettaq l-evalwazzjoni tagħha stess dwar l-aġir tar-rikorrenti abbażi tad-deċiżjoni taċ-CNMC, li tinsab fost l-elementi elenkati mid-dispożizzjonijiet rilevanti (ara l-punt 23 iktar 'il fuq), iżda wkoll ta' elementi oħra rilevanti tal-kuntest, fosthom, b'mod partikolari, is-sospensjoni ta' din id-deċiżjoni. Fil-fatt, il-każ irregolat mill-Artikolu 106(2) tar-Regolament finanzjarju preċedenti u mill-Artikolu 136(2) tar-Regolament finanzjarju huwa preċiżament dak li fih id-deċiżjoni li tista' sservi bħala bażi għall-esklużjoni ma hijiex definittiva, jew it-terminu tal-appell li jista' jiġi ppreżentat kontriha jkun għadu ma skadiex, jew tali appell ikun ġie ppreżentat, jew anki li hija tkun ġiet sospiża, bħal f'dan il-każ. Li jiġi kkunsidrat, bħalma ssostni r-rikorrenti, li deċiżjoni sospiża ma tistax isservi iktar bħala bażi għal deċiżjoni ta' esklużjoni jwassal sabiex iċaħħad mill-effett tagħha din l-ipoteżi prevista mid-dispożizzjonijiet applikabbli, iktar u iktar peress li l-Artikolu 106(7)(c) tar-Regolament finanzjarju preċedenti u l-Artikolu 136(6)(a) tar-Regolament finanzjarju jinkoraġġixxu l-persuni jew l-entitajiet li ma jkunux is-suġġett ta' sentenza definittiva jadottaw miżuri korrettivi intiżi sabiex juru l-affidabbiltà tagħhom minkejja d-deċiżjoni li tikkonstata ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tad-19 ta' Ġunju 2019, Meca, C-41/18, EU:C:2019:507, punt 40; ara wkoll, il-punt 55 iktar 'il quddiem).

29 Madankollu, għandu jiġi kkonstatat, fl-ewwel lok, li effettivament l-EU-OSHA, abbażi tal-konstatazzjonijiet li jinsabu fir-rakkomandazzjoni tal-Bord, ħadet inkunsiderazzjoni s-sospensjoni tad-deċiżjoni taċ-CNMC, bi tweġiba għall-argument tar-rikorrenti bbażat fuq tali

sospensjoni. Fil-premessi 35 sa 37 tad-Deċiżjoni kkontestata, hija bdiet billi fakkret dan l-argument, qabel ma esponiet ir-raġunijiet li għalihom, fil-fehma tagħha, din is-sospensjoni ma kinitx tippreġudika, f'dan il-każ, l-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni. B'mod iktar partikolari, l-EU-OSHA qieset li d-deċiżjoni nazzjonali ta' sospensjoni, fl-assenza ta' teħid ta' pożizzjoni dwar *fumus boni juris*, ma kinitx tqajjem dubji dwar il-validità u l-legalità tad-deċiżjoni taċ-CNMC u kienet ibbażata fuq kunsiderazzjonijiet barranin għal din il-proċedura amministrattiva, li għandha għan differenti minn dik li minnha oriġinat is-sanzjoni nazzjonali. Hija żiedet li fil-fatt din id-deċiżjoni ta' sospensjoni ma kinitx definittiva, u għalhekk ma kinitx vinkolanti għaliha.

30 Fit-tieni lok, għandu jiġi rrilevat ukoll li l-EU-OSHA qieset ġustament li s-sospensjoni tad-deċiżjoni taċ-CNMC ma kinitx tostakola t-teħid inkunsiderazzjoni tal-konstatazzjonijiet ta' din id-deċiżjoni sabiex tiġi pprovata l-eżistenza ta' mġiba professjonali ħażina serja tar-rikorrenti u tiġi adottata miżura ta' esklużjoni.

31 Fil-fatt, minn naħa, il-fatti kkritikati lir-rikorrenti ma humiex ibbażati fuq sempliċi suppożizzjonijiet jew preżunzjonijiet, iżda ġew ikkonstatati abbażi ta' provi li jirriżultaw minn investigazzjoni mwettqa miċ-CNMC (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2022, Vialto Consulting vs Il-Kummissjoni, T-537/18, mhux ippubblikata, EU:T:2022:852, punt 143, ara wkoll, b'analoġija, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, Infraestruturas de Portugal u Futrifer Indústrias Ferroviárias, C-66/22, EU:C:2023:1016, punt 78).

32 Min-naħa l-oħra, mid-deċiżjoni nazzjonali ta' sospensjoni ma jirriżulta ebda teħid ta' pożizzjoni dwar il-fondatezza tad-deċiżjoni taċ-CNMC. Għalhekk, il-konstatazzjonijiet u l-kunsiderazzjonijiet ta' din tal-aħħar dwar il-ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni mir-rikorrenti bl-ebda mod ma huma kkontestati, u lanqas imqiegħda f'dubju mill-qorti nazzjonali. Din tibbaża d-deċiżjoni tagħha ta' sospensjoni fuq kunsiderazzjonijiet ibbażati biss fuq il-konsegwenzi tal-multa imposta u tal-projbizzjoni li tikkonkludi kuntratti fuq it-tkomplija tal-attivitajiet tar-rikorrenti. Barra minn hekk, din tal-aħħar tammetti li l-qorti nazzjonali ma eżaminatx espressament l-eżistenza ta' *fumus boni juris*. Sa fejn ir-rikorrenti targumenta li l-qorti nazzjonali, kienet irrikonoxxiet, b'mod impliċitu iżda neċessarjament, il-plawżibbiltà tal-allegazzjonijiet tar-rikorrenti li jikkontestaw id-deċiżjoni taċ-CNMC, peress li skont il-qorti nazzjonali, l-għoti ta' miżura provviżorja kien jippreżupponi tali plawżibbiltà, għandu jiġi rrilevat li tali kunsiderazzjonijiet impliċiti ma jistgħux, fi kwalunkwe każ, ikunu suffiċjenti sabiex jikkontestaw il-konstatazzjonijiet u l-kunsiderazzjonijiet espliċiti tad-deċiżjoni taċ-CNMC.

33 Barra minn hekk, huwa irrilevanti li d-deċiżjoni nazzjonali ta' sospensjoni tissospendi wkoll, minbarra l-ħlas tal-multa imposta bid-deċiżjoni taċ-CNMC, il-projbizzjoni li r-rikorrenti tingħata kuntratti fi Spanja, imposta wkoll minn din id-deċiżjoni. Huwa minnu li din hija projbizzjoni simili għall-esklużjoni mogħtija mid-Deċiżjoni kkontestata, u dan iktar u iktar peress li, skont id-dikjarazzjonijiet tar-rikorrenti, ċerti projbizzjonijiet ta' għoti ta' kuntratti ma jingħatawx jew ma jiġux applikati, meta l-operatur ekonomiku jkun adotta miżuri korrettivi jew ta' konformità intiżi sabiex jirrimedja d-danni kkawżati mill-aġir illegali tiegħu. Madankollu, ir-raġuni tas-sospensjoni tal-projbizzjoni ta' għoti ta' kuntratti hija, kif jirriżulta mill-punt 32 iktar 'il fuq, indipendenti mill-konstatazzjonijiet u mill-kunsiderazzjonijiet tad-deċiżjoni taċ-CNMC u għalhekk ma hijiex ta' natura li tikkontestaha. Għalhekk, anki jekk, kif issostni r-rikorrenti, id-differenza tal-għan bejn il-proċedura ta' esklużjoni prevista mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u l-proċedura nazzjonali ma hijiex suffiċjenti, bħala tali, sabiex teskludi t-teħid inkunsiderazzjoni tad-deċiżjoni nazzjonali ta' sospensjoni mill-EU-OSHA (ara l-punt 28 iktar 'il fuq), xorta jibqa' l-fatt li, f'dan il-każ, ir-raġunijiet tas-sospensjoni tad-deċiżjoni taċ-CNMC ma jikkontestawx il-materjalità tal-fatti li fuqhom hija bbażata d-Deċiżjoni kkontestata sabiex tiġi

ordnata l-esklużjoni tar-rikorrenti. Barra minn hekk, mid-deċiżjoni nazzjonali ta' sospensjoni ma tirriżulta ebda informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' miżuri korrettivi mir-rikorrenti u l-ġustifikazzjoni tas-sospensjoni permezz tal-adozzjoni ta' tali miżuri.

34 Barra minn hekk, mill-ibbilanċjar imwettaq korrettament mill-EU-OSHA f'dan il-każ bejn id-deċiżjoni taċ-CNMC u d-deċiżjoni nazzjonali ta' sospensjoni, jirriżulta li hija ma tistax tiġi kkritikata la minħabba kontradizzjoni bejn ir-raġunijiet tad-Deċiżjoni kkontestata u dawk tad-deċiżjoni nazzjonali ta' sospensjoni, u lanqas minħabba nuqqas ta' koordinazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali li tippreġudika l-prinċipju ta' kooperazzjoni leali previst fl-Artikolu 4(3) TUE u l-ġlieda kontra l-frodi rregolata mill-Artikolu 325 TFUE.

35 Minn dan jirriżulta li l-ewwel parti tal-ewwel motiv għandha tiġi miċħuda.

Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq il-ksur tal-Artikolu 47 tal-Karta u tal-Artikolu 19(1) TUE

36 Ir-rikorrenti targumenta li, billi ċċaħħad minn kull rilevanza d-deċiżjoni nazzjonali ta' sospensjoni, id-Deċiżjoni kkontestata tikkontesta l-protezzjoni ġudizzjarja li hija kienet kisbet mill-qorti nazzjonali, u għalhekk, tikser l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), moqri flimkien mal-Artikolu 19(1) TUE. Ir-rispett ta' proċeduri ġudizzjarji nazzjonali huwa barra minn hekk neċessarju fil-każ ta' "proċeduri komposti", bħall-proċedura ta' esklużjoni li fiha l-awtoritajiet tal-Unjoni jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom abbażi ta' deċiżjonijiet nazzjonali. Ir-rikorrenti żżid li d-dritt li jintalab eżami mill-ġdid tad-deċiżjoni ta' esklużjoni jew tal-possibbiltà li jiġu ppreżentati osservazzjonijiet quddiem il-Bord jew l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli jikkostitwixxu garanziji amministrattivi, li ma jistgħux jissostitwixxu l-garanziji ta' stħarriġ tal-legalità ta' atti li jikkawżaw preġudizzju u tal-osservanza ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji karatteristiċi tal-protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

37 Skont ġurisprudenza stabbilita, il-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva tad-drittijiet tal-partijiet ibbażati fuq id-dritt tal-Unjoni, li għalih jirreferi t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, jikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni li jirriżulta mill-prassi kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri, li ġie stabbilit fl-Artikoli 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950, u li fil-preżent huwa affermat fl-Artikolu 47 tal-Karta (ara s-sentenza tas-27 ta' Frar 2018, Associação Sindical dos Juízes Portugueses, C-64/16, EU:C:2018:117, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

38 Mill-ġurisprudenza jirriżulta wkoll li l-effetti tal-introduzzjoni ta' azzjoni amministrattiva jew ġudizzjarja huma marbuta mill-qrib mal-eżerċizzju u mal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali li jirrigwardaw il-protezzjoni ġudizzjarja, li tagħhom l-ordinament ġuridiku tal-Unjoni għandu jiżgura wkoll ir-rispett u li leġiżlazzjoni li tinjora totalment l-effetti tal-introduzzjoni ta' azzjoni amministrattiva jew ġudizzjarja fuq il-possibbiltà li tipparteċipa fi proċedura ta' għoti ta' kuntratti tista' twassal għall-ksur tad-drittijiet fundamentali tal-partijiet interessati (ara, b'analoġija, is-sentenza tad-9 ta' Frar 2006, La Cascina *et*, C-226/04 u C-228/04, EU:C:2006:94, punt 38).

39 Madankollu, ma jistax jiġi kkunsidrat li f'dan il-każ, id-deċiżjoni nazzjonali ta' sospensjoni kienet injorata u li ġie kkawżat preġudizzju għall-protezzjoni ġudizzjarja tar-rikorrenti.

40 Fil-fatt, minn naħa, kif jirriżulta mill-punti 29 sa 33 iktar 'il fuq, din id-deċiżjoni kienet meħuda debitament inkunsiderazzjoni mill-Bord, imbagħad mill-EU-OSHA fid-Deċiżjoni kkontestata. B'mod partikolari, l-EU-OSHA kkunsidrat, ġustament, li fl-assenza ta' teħid ta' pożizzjoni fid-deċiżjoni nazzjonali ta' sospensjoni dwar il-fondatezza tad-deċiżjoni taċ-CNMC, hija setgħet tibbaża ruħha fuq il-konstatazzjonijiet ta' din id-deċiżjoni sabiex issostni l-eżistenza ta' mġiba professjonali ħażina serja u tadotta miżura ta' esklużjoni (ara l-punti 30 u 32 iktar 'il fuq). Barra minn hekk, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli, fl-assenza ta' sentenza definittiva jew ta' deċiżjoni definittiva, is-sanzjoni ta' esklużjoni tista' tiġi deċiża biss abbażi ta' klassifikazzjoni ġuridika preliminari tal-aġir kontenzjuż mill-Bord b'teħid inkunsiderazzjoni tal-elementi kollha rilevanti, fosthom is-sospensjoni tad-deċiżjoni taċ-CNMC (ara l-punti 22, 23 u 28 iktar 'il fuq), klassifikazzjoni ġuridika preliminari li dwarha r-rikorrenti kellha barra minn hekk l-okkażjoni li tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha (ara l-punt 10 iktar 'il fuq) b'applikazzjoni tal-Artikolu 143(5) tar-Regolament finanzjarju. Huwa minnu li kif tenfasizza r-rikorrenti, dawn huma garanziji ta' natura amministrattiva, iżda jibqa' l-fatt li dawn jiżguraw it-teħid inkunsiderazzjoni fil-forma meħtieġa tad-deċiżjoni ġudizzjarja nazzjonali. Għandu jiġi enfasizzat ukoll li d-Deċiżjoni kkontestata, li teskludi r-rikorrenti mill-kuntratti mogħtija mill-amministrazzjonijiet tal-Unjoni, bl-ebda mod ma tikkontesta l-effetti tad-deċiżjoni nazzjonali ta' sospensjoni, sa fejn din tissospendi l-projbizzjoni ta' għoti ta' kuntratti mal-amministrazzjoni Spanjola.

41 Min-naħa l-oħra, kif jirriżulta mill-punti 24 sa 26 iktar 'il fuq, mid-dispożizzjonijiet applikabbli jirriżulta li, fl-assenza ta' sentenza definittiva jew ta' deċiżjoni definittiva, bħal f'dan il-każ, l-awtorità tal-Unjoni ma hijiex marbuta mad-deċiżjonijiet amministrattivi jew ġudizzjarji meħuda fil-livell nazzjonali u għandha, għalhekk, il-fakultà li teskludi mill-proċeduri ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi tal-Unjoni persuna jew entità, f'dan il-każ ir-rikorrenti, abbażi ta' klassifikazzjoni ġuridika preliminari tal-aġir tagħha.

42 Madankollu, l-eżerċizzju ta' din il-fakultà ma jmurx kontra l-Artikolu 47 tal-Karta. Fil-fatt, l-eżistenza, mhux ikkontestata mir-rikorrenti u li jikkonferma dan ir-rikors, ta' rimedju ġudizzjarju sabiex tiġi kkontestata d-Deċiżjoni kkontestata quddiem il-qorti tal-Unjoni tippermetti preċiżament li tiġi żgurata protezzjoni ġudizzjarja tar-rikorrenti. B'mod partikolari, il-Qorti Ġenerali għandha ġurisdizzjoni f'dan il-każ, kemm li tannulla d-Deċiżjoni kkontestata kif ukoll li teżamina mill-ġdid din id-deċiżjoni, fir-rigward tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha prevista fl-Artikolu 143(9) tar-Regolament finanzjarju (sentenza tad-9 ta' Frar 2022, Elevolution – Engenharia vs Il-Kummissjoni, T-652/19, mhux ippubblikata, EU:T:2022:63, punt 80; ara wkoll, il-punt 127 iktar 'il quddiem). Barra minn hekk, protezzjoni ġudizzjarja provviżorja hija żgurata mill-Imħallef għal miżuri provviżorji tal-Qorti Ġenerali, li jista' jordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata, b'mod partikolari, jekk huwa jqis, kif kien il-każ f'dan il-każ, li ma jistax jiġi eskluż, *prima facie*, li l-EU-OSHA kellha tislet il-konsegwenzi mid-deċiżjoni nazzjonali ta' sospensjoni (digriet tal-14 ta' Lulju 2023, VC vs EU-OSHA, T-126/23 R, mhux ippubblikata, EU:T:2023:405, punt 51).

43 Għalhekk, id-deċiżjoni nazzjonali ta' sospensjoni ma għandhiex tingħata l-istess effett bħal dak mogħti lid-deċiżjonijiet jew lis-sentenzi definittivi li jorbtu lill-awtoritajiet tal-Unjoni jeskludu l-persuna jew l-entità kkonċernata, b'konformità mal-Artikolu 136(1) tar-Regolament finanzjarju, jew jekk ikun il-każ, jaċċettaw il-parteċipazzjoni tagħha fil-proċeduri ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi tal-Unjoni. Kieku s-setgħa ta' esklużjoni tal-awtoritajiet tal-Unjoni kienet ipparalizzata mis-sempliċi fatt tal-introduzzjoni ta' rikors sospensiv kontra d-deċiżjoni nazzjonali li tista' sservi

bħala bażi tal-esklużjoni jew ta' sospensjoni ta' din id-deċiżjoni, dan iċaħħad tali setgħa mill-effett utli tagħha (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tad-19 ta' Ġunju 2019, Meca, C-41/18, EU:C:2019:507, punti 37 u 38).

44 Għandu jiżdied li fil-każ fejn id-deċiżjoni nazzjonali ta' sospensjoni tkun segwita b'sentenza definittiva li tannulla d-deċiżjoni taċ-CNMC, it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 136(2) tar-Regolament finanzjarju jipprevedi li l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni għandu jtemm mingħajr dewmien l-esklużjoni, u jagħti b'hekk effett sħiħ lid-deċiżjoni ġudizzjarja nazzjonali u jiżgura fl-istess waqt il-protezzjoni ġudizzjarja tar-rikorrent, marbuta f'dan il-każ mad-deċiżjoni ġudizzjarja nazzjonali li torbot f'dan il-każ l-awtorità tal-Unjoni.

45 Minn dan jirriżulta li t-tieni parti tal-ewwel motiv għandha tiġi miċħuda, b'tali mod li għandu jiġi miċħud ukoll dan il-motiv.

Fuq it-tieni motiv, li jirrigwarda l-miżuri korrettivi adottati mir-rikorrenti

46 Skont ir-rikorrenti, id-Deċiżjoni kkontestata tinkludi żbalji serji ta' evalwazzjoni u tmur kontra l-Artikolu 106(7)(a) tar-Regolament finanzjarju preċedenti u l-Artikolu 136(6)(a) tar-Regolament finanzjarju, għaliex, abbażi tal-elementi li hija kkomunikat lill-EU-OSHA, din tal-aħħar kellha tikkonstata li hija kienet ħadet miżuri korrettivi suffiċjenti. Madankollu, l-EU-OSHA ħtieġet mingħand ir-rikorrenti, għal kull miżura korrettiva, livell ta' prova eċċessiv u sproporzjonat, mingħajr ma ħallitilha ebda possibbiltà li tikkoreġi jew tikkompleta l-informazzjoni mitluba. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti tikkundanna l-assenza ta' evalwazzjoni awtonoma ta' dawn il-miżuri mill-Bord u l-ibbażar ta' dan tal-aħħar fuq l-evalwazzjoni taċ-CNMC ibbażata madankollu fuq dokumenti differenti. Barra minn hekk, hija tqis li s-setgħa ta' evalwazzjoni wiesgħa fir-rigward tal-għoti ta' kuntratt pubbliku ma tistax tiġi trasposta għal deċiżjoni ta' sanzjoni li tmur lil hinn mill-kuntest ta' proċedura ta' kuntratt speċifiku u li twassal għal preġudizzju importanti li ma jirriżultax minn sempliċi nuqqas ta' għoti ta' kuntratt.

47 Ir-rikorrenti żżid li, sa fejn il-Qorti Ġenerali għandha ġurisdizzjoni sħiħa sabiex teżamina mill-ġdid id-Deċiżjoni kkontestata skont l-Artikolu 143(9) tar-Regolament finanzjarju, abbażi tal-Artikolu 261 TFUE, hija tipproduċi fil-kuntest ta' din l-istanza dokumenti ġodda li juru l-affidabbiltà tal-miżuri korrettivi. F'dan ir-rigward, hija tenfasizza li l-miżuri korrettivi ma humiex elementi li jikkostitwixxu l-ksur li fir-rigward tagħhom il-Qorti Ġenerali ma għandhiex ġurisdizzjoni. Skont ir-rikorrenti, fi kwalunkwe każ, irrispettivament minn din il-ġurisdizzjoni sħiħa, dawn id-dokumenti ser ikunu rilevanti għall-istħarriġ tal-legalità tad-Deċiżjoni kkontestata, peress li jirrigwardaw miżuri korrettivi adottati qabel id-Deċiżjoni kkontestata.

48 Bħala konklużjoni, ir-rikorrenti tenfasizza, fir-replika, li sa mill-2018 hija ma pparteċipat fl-ebda prattika antikompetittiva, li juri li s-sistema li hija stabbilixxiet, fl-intier tagħha, tippreżenta l-affidabbiltà meħtieġa. Għall-finijiet ta' kompletezza, hija pproduċiet, f'anness mar-replika, dokumenti li juru din l-affidabbiltà.

49 Għandu jiġi rrilevat, preliminarjament, li r-rikorrenti ma tikkontestax quddiem il-Qorti Ġenerali li wettqet il-ksur ikkonstatat u ssanzjonat mid-deċiżjoni taċ-CNMC. Hija lanqas tikkontesta li l-esklużjoni tagħha deċiża wara din il-konstatazzjoni ta' ksur tad-dritt Spanjol tal-kompetizzjoni u tal-Artikolu 101 TFUE għandha natura ta' sanzjoni.

50 Madankollu, ir-rikorrenti tikkontesta l-esklużjoni tagħha f'dan il-każ abbażi ta' mġiba professjonali ħażina serja, għar-raġuni li hija kienet adottat miżuri korrettivi li juru l-affidabbiltà tagħha, b'konformità mal-Artikolu 106(7)(c) tar-Regolament finanzjarju preċedenti u mal-Artikolu 136(6)(a) tar-Regolament finanzjarju, dispożizzjonijiet suċċessivament applikabbli f'dan il-każ, fir-rigward tad-data tal-adozzjoni tal-miżuri korrettivi inkwistjoni.

51 Qabel jiġu eżaminati l-argumenti tar-rikorrenti li jikkontestaw l-evalwazzjoni mill-EU-OSHA tal-miżuri korrettivi adottati, għandha tiġi ċċarata n-natura tal-ġurisdizzjoni kif ukoll l-intensità tal-istħarriġ li jista' jiġi eżerċitat mill-Qorti Ġenerali fir-rigward tal-evalwazzjonijiet inkwistjoni, anki f'tilwima bejn il-partijiet.

Fuq in-natura tal-ġurisdizzjoni u l-intensità tal-istħarriġ tal-Qorti Ġenerali fir-rigward tal-miżuri korrettivi

52 Skont l-Artikolu 143(9) tar-Regolament finanzjarju:

"Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandu jkollha ġurisdizzjoni bla limitu biex tirrevedi deċiżjoni li biha l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni jeskludi persuna jew entità msemmija fl-Artikolu 135(2) u/jew jimponi penali finanzjarja fuq riċevitur, inkluż it-tħassir tal-esklużjoni, it-tnaqqis jew iż-żieda tad-durata tagħha u/jew it-tħassir, it-tnaqqis jew iż-żieda tal-penali finanzjarja imposta. […]"

53 B'hekk, il-leġiżlatur tal-Unjoni uża l-fakultà mogħtija mill-Artikolu 261 TFUE li jipprovdi li "[i]r-Regolamenti adottati mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill flimkien, u mill-Kunsill, bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tat-Trattati, jistgħu jagħtu kompetenza assoluta lill-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea rigward is-sanzjonijiet li jkunu previsti f'dawn ir-regolamenti".

54 Għalhekk, l-Artikolu 143(9) tar-Regolament finanzjarju għandu jiġi interpretat fid-dawl tal-Artikolu 261 TFUE, b'tali mod li l-portata ta' din il-ġurisdizzjoni sħiħa hija strettament limitata għad-determinazzjoni tas-sanzjoni, bl-esklużjoni ta' kwalunkwe modifika tal-elementi li jikkostitwixxu l-aġir li jiġġustifika din is-sanzjoni (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-21 ta' Jannar 2016, Galp Energía España *et* vs Il-Kummissjoni, C-603/13 P, EU:C:2016:38, punti 76 u 77 u l-ġurisprudenza ċċitata).

55 Issa, f'dan il-każ, għall-kuntrarju ta' dak li ssostni r-rikorrenti, għandu jiġi kkunsidrat li l-eżami tal-miżuri korrettivi jaqa' taħt l-evalwazzjoni ta' tali aġir. Skont l-Artikolu 106(7)(c) tar-Regolament finanzjarju preċedenti u l-Artikolu 136(6)(a) tar-Regolament finanzjarju, l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni reponsabbli "ma għandux jeskludi" persuna jew entità jekk din "tkun ħadet biżżejjed miżuri ta' rimedju […] sabiex turi li hija affidabbli". Għalhekk, din id-dispożizzjoni tistabbilixxi impossibbiltà li operatur li jkun ħa ċerti miżuri korrettivi li juru l-affidabbiltà tiegħu jiġi eskluż mill-kuntratti (sentenza tas-27 ta' Ġunju 2017, NC vs Il-Kummissjoni, T-151/16, EU:T:2017:437, punt 58). Fil-fatt, b'konformità mal-għan tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni li trid tilħaq is-sanzjoni ta' esklużjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2022, Vialto Consulting vs Il-Kummissjoni, T-537/18, mhux ippubblikata, EU:T:2022:852, punti 159 u 164; ara wkoll il-punt 25 iktar 'il fuq), operatur li wettaq ksur u li reġa' sar affidabbli ma għandux jiġi eskluż. F'dan il-każ, l-imġiba professjonali ħażina serja inizjalment ikkonstatata kienet ikkoreġuta sal-punt li ma tistax tibqa' l-bażi ta' esklużjoni. Għalhekk, l-evalwazzjoni li għandha ssir tal-miżuri korrettivi hija ekwivalenti għall-verifika tal-persistenza tal-imġiba professjonali ħażina serja, dedotta f'dan il-każ mill-ksur ikkonstatat

minn awtorità nazzjonali, u l-possibbiltà li din terġa' titwettaq, li tirrigwarda evalwazzjoni tal-aġir tal-operatur ikkonċernat kif ukoll ta' ċirkustanzi fattwali marbuta direttament miegħu u mhux l-evalwazzjoni tas-sanzjoni tagħha.

56 F'dan ir-rigward, huwa irrilevanti li l-miżuri korrettivi jittieħdu ġeneralment wara li jkun seħħ il-ksur ikkonstatat mill-awtorità nazzjonali. Fil-fatt, kif jirriżulta mill-punti 26 sa 28 iktar 'il fuq, tali konstatazzjoni ta' ksur minn awtorità nazzjonali tista' tikkostitwixxi biss preliminari li jista' jwassal, wara l-evalwazzjoni tal-awtorità tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Frar 2023, RH vs Il-Kummissjoni, T-175/21, mhux ippubblikata, EU:T:2023:77, punt 29), sabiex din tal-aħħar issostni klassifikazzjoni ta' mġiba professjonali ħażina serja. L-aġir li għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-ġurisdizzjoni sħiħa għandu jiġi distint mis-sanzjoni ma huwiex limitat, fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi, b'mod partikolari fid-dawl tal-proċedura f'żewġ stadji prevista mir-Regolament finanzjarju, għall-ksur ikkonstatat minn awtorità nazzjonali u għall-elementi li jikkostitwixxuh, iżda jinkludi elementi oħra, jekk ikun il-każ, sussegwenti għal dan il-ksur u li jistgħu jwasslu lill-awtorità tal-Unjoni tiddeduċi minnhom l-affidabbiltà tal-operatur ikkonċernat minkejja l-imsemmi ksur.

57 Minn dan isegwi li l-Qorti Ġenerali ma tistax teżerċita l-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, kif prevista fl-Artikolu 143(9) tar-Regolament finanzjarju, għall-finijiet tal-eżami ta' dan il-motiv. Għalhekk, hija ma tistax tissostitwixxi l-evalwazzjoni tagħha stess tal-miżuri korrettivi inkwistjoni minflok dik tal-EU-OSHA u għandha tillimita ruħha għal stħarriġ tal-legalità tal-imsemmija evalwazzjoni.

58 Minn naħa, għandu jiġi ppreċiżat, fid-dawl tal-pożizzjonijiet differenti espressi mill-partijiet dwar dan il-punt, li dan l-istħarriġ ta' legalità huwa limitat għall-verifika tal-osservanza tar-regoli tad-dritt, b'mod partikolari tal-proċedura u ta' motivazzjoni, tal-eżattezza sostantiva tal-fatti kif ukoll tal-assenza ta' żball manifest ta' evalwazzjoni u ta' użu ħażin ta' poter (ara s-sentenza tal-15 ta' Frar 2023, RH vs Il-Kummissjoni, T-175/21, mhux ippubblikata, EU:T:2023:77, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata). Fir-rigward tal-eżami mill-qorti tal-Unjoni tal-eżistenza ta' żball manifest ta' evalwazzjoni li jivvizzja att ta' istituzzjoni, għandu jiġi ppreċiżat li, sabiex jiġi stabbilit li din l-istituzzjoni wettqet żball manifest fl-evalwazzjoni ta' fatti kumplessi ta' natura li jiġġustifika l-annullament tal-imsemmi att, il-provi mogħtija mir-rikorrent għandhom ikunu suffiċjenti sabiex jeskludu l-plawżibbiltà tal-evalwazzjonijiet tal-fatti sostnuti f'dan l-att (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-12 ta' Diċembru 1996, AIUFFASS u AKT vs Il-Kummissjoni, T-380/94, EU:T:1996:195, punt 59, u tat-28 ta' Frar 2012, Grazer Wechselseitige Versicherung vs Il-Kummissjoni, T-282/08, EU:T:2012:91, punt 158). Bla ħsara għal dan l-eżami ta' plawżibbiltà, il-Qorti Ġenerali ma għandhiex tissostitwixxi l-evalwazzjoni tagħha tal-fatti kumplessi minflok dik tal-awtur ta' din id-deċiżjoni (sentenzi tal-15 ta' Ottubru 2009, Enviro Tech (Europe), C-425/08, EU:C:2009:635, punt 47, u tat-12 ta' Frar 2008, BUPA *et* vs Il-Kummissjoni, T-289/03, EU:T:2008:29, punt 221).

59 Fil-fatt, sa fejn l-istituzzjonijiet għandhom marġni ta' evalwazzjoni sabiex jevalwaw jekk aġir jistax jiġi kklassifikat bħala mġiba professjonali ħażina serja (sentenza tal-15 ta' Frar 2023, RH vs Il-Kummissjoni, T-175/21, mhux ippubblikata, EU:T:2023:77, punt 30; ara wkoll, b'analoġija, is-sentenzi tal-4 ta' Lulju 2008, Entrance Services vs Il-Parlament, T-333/07, mhux ippubblikata, EU:T:2008:250, punt 59; u tad-9 ta' Frar 2022, Companhia de Seguros Índico vs Il-Kummissjoni, T-672/19, mhux ippubblikata, EU:T:2022:64, punt 50 u l-ġurisprudenza ċċitata) u sa fejn l-evalwazzjoni tal-miżuri korrettivi tagħmel parti integrali minn tali aġir (ara l-punt 55 iktar 'il fuq), għandha tiġi rrikonoxxuta wkoll marġni ta' evalwazzjoni għall-evalwazzjoni tal-miżuri korrettivi.

60 Bi tweġiba lir-rikorrenti, għandu jiżdied li l-konsegwenzi potenzjali tad-deċiżjoni ta' esklużjoni, li jmorru lil hinn mill-kuntest ta' proċedura ta' kuntratt speċifiku u peress li jistgħu jwasslu għal dannu serju għall-entità eskluża, huma elementi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fl-eżerċizzju tal-marġni ta' evalwazzjoni li għandhom l-istituzzjonijiet u ma jistgħux jimplikaw, bħala tali, kontestazzjoni ta' din il-marġni ta' evalwazzjoni.

61 Min-naħa l-oħra, għandhom jiġu ppreċiżati wkoll, l-elementi li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-Qorti Ġenerali sabiex teżerċita l-istħarriġ tal-legalità tal-evalwazzjoni mill-EU-OSHA tal-miżuri korrettivi adottati mir-rikorrenti, fid-dawl tad-diverġenzi bejn il-partijiet f'dan ir-rigward.

62 Mill-ġurisprudenza mogħtija fil-qasam tal-kompetizzjoni jirriżulta li, l-portata tal-istħarriġ ta' legalità previst fl-Artikolu 263 TFUE testendi għall-elementi kollha tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-proċeduri ta' applikazzjoni tal-Artikoli 101 u 102 TFUE, li l-Qorti Ġenerali tiżgura l-istħarriġ tagħhom, fid-dawl tal-motivi mqajma mir-rikorrenti u b'teħid inkunsiderazzjoni tal-provi kollha prodotti minn dawn tal-aħħar, kemm jekk dawn ikunu ġew prodotti qabel u kemm jekk wara d-Deċiżjoni kkontestata, kemm jekk ikunu ġew ippreżentati qabel fil-kuntest tal-proċedura amministrattiva jew jekk għall-ewwel darba, fil-kuntest tar-rikors li l-Qorti Ġenerali tkun adita bih, sa fejn dawn ikunu rilevanti għall-istħarriġ tal-legalità tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni (sentenzi tal-21 ta' Jannar 2016, Galp Energía España *et* vs Il-Kummissjoni, C-603/13 P, EU:C:2016:38, punt 72, u tal-14 ta' Settembru 2022, Google u Alphabet vs Il-Kummissjoni (Google Android), T-604/18, taħt appell, EU:T:2022:541, punt 89).

63 Għall-kuntrarju ta' dak li tippretendi r-rikorrenti, minn din il-ġurisprudenza ma jistax jiġi dedott li, f'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali għandha tieħu inkunsiderazzjoni d-dokumenti li r-rikorrenti pproduċietilha fil-kuntest ta' din l-istanza mingħajr ma kienu prodotti qabel matul il-proċedura amministrattiva quddiem l-EU-OSHA.

64 Fil-fatt, b'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli [101] u [102 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205), fil-każ ta' tilwima dwar l-eżistenza ta' ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni, hija l-Kummissjoni li għandha tipproduċi l-prova tal-ksur ikkonstatat minnha u li għandha tistabbilixxi l-provi li jistabbilixxu, b'mod suffiċjenti fid-dritt, l-eżistenza tal-fatti li jikkostitwixxu ksur (ara s-sentenza tat-8 ta' Settembru 2016, Lundbeck vs Il-Kummissjoni, T-472/13, EU:T:2016:449, punt 105 u l-ġurisprudenza ċċitata). Għalhekk, huwa possibbli li l-impriża kkonċernata tipproduċi l-prova kuntrarja, inkluż billi tibbaża ruħha fuq provi li ma kinux prodotti matul il-proċedura amministrattiva (ara s-sentenza tad-9 ta' Ġunju 2016, PROAS vs Il-Kummissjoni, C-616/13 P, EU:C:2016:415, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).

65 Għall-kuntrarju, billi jipprevedu li persuna jew entità ma għandhiex tiġi eskluża jekk hija tieħu miżuri korrettivi suffiċjenti sabiex turi l-affidabbiltà tagħha, l-Artikolu 106(7)(c) tar-Regolament finanzjarju preċedenti u l-Artikolu 136(6)(a) tar-Regolament finanzjarju, jimponu fuq il-persuna jew l-entità inkwistjoni l-oneru li tistabbilixxi li l-miżuri korrettivi adottati huma ta' natura li jipprekludu l-esklużjoni tagħha (ara wkoll l-Artikolu 106(10) tar-Regolament finanzjarju preċedenti u l-Artikolu 137(1) tar-Regolament finanzjarju). Minn dan jiġi dedott li, ħlief sabiex jiġi mċaħħad mill-effett tiegħu l-oneru tal-prova impost minn dawn id-dispożizzjonijiet, ma jistax jiġi aċċettat li l-operatur ikkonċernat jipproduċi quddiem il-Qorti Ġenerali provi mhux ikkomunikati matul il-proċedura ta' esklużjoni, sabiex jikseb l-annullament tad-deċiżjoni li ordnat

l-esklużjoni tiegħu fl-assenza ta' produzzjoni minn dan l-operatur ta' provi meqjusa suffiċjenti sabiex juru l-affidabbiltà tiegħu. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ma tistax tiddeċiedi fil-kuntest ta' din l-istanza dwar miżuri korrettivi mhux ippreżentati quddiem l-EU-OSHA.

66 Dan iktar u iktar peress li l-Artikolu 136(8) tar-Regolament finanzjarju jirregola l-ipoteżi ta' miżuri korrettivi jew provi prodotti wara d-deċiżjoni ta' esklużjoni, billi jipprevedi f'dan il-każ li din id-deċiżjoni għandha tiġi riveduta mill-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli mingħajr dewmien. Għalhekk, tinħoloq interferenza fl-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja u l-bilanċ istituzzjonali jekk il-Qorti Ġenerali tiddeċiedi dwar miżuri korrettivi ġodda jew provi prodotti ġodda, jekk ikun il-każ, simultanjament mal-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni u li jistgħu jwasslu lil dan tal-aħħar jirrevedi d-Deċiżjoni kkontestata matul l-istanza (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Mejju 2020, Agmin Italy vs Il-Kummissjoni, T-290/18, mhux ippubblikata, EU:T:2020:196, punti 46 u 47). Barra minn hekk, tali riskju huwa reali f'dan il-każ, peress li fil-21 ta' Novembru 2023, ir-rikorrenti ppreżentat quddiem l-EU-OSHA, matul din l-istanza, talba għal reviżjoni skont l-Artikolu 136(8) tar-Regolament finanzjarju, u magħha annettiet provi li jinsabu fl-anness tar-rikors u tar-replika mingħajr ma kienu ppreżentati lill-EU-OSHA qabel.

67 Kien ikun mod ieħor li kieku l-EU-OSHA, matul il-proċedura quddiemha, ma ppermettietx lir-rikorrenti tipproduċi l-provi kollha li hija xtaqet sabiex tistabbilixxi li l-miżuri korrettivi li hija adottat kienu juru l-affidabbiltà tagħha (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tas-7 ta' Ġunju 2023, TC vs Il-Parlament, T-309/21, taħt appell, EU:T:2023:315, punt 131 u l-ġurisprudenza ċċitata). Madankollu, dan ma huwiex il-każ, f'dan il-każ.

68 Fil-fatt, l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti li l-EU-OSHA ma ħallitilha ebda possibbiltà li tikkoreġi jew tikkompleta l-informazzjoni dwar l-miżuri korrettivi li hija adottat ma humiex fondati. Kif jirriżulta mill-proċess, l-EU-OSHA stiednet lir-rikorrenti, permezz ta' ittra tad-29 ta' Lulju 2021 (ara l-punt 5 iktar 'il fuq), tindikalha jekk kinux ittieħdu inkunsiderazzjoni miżuri korrettivi, u wara l-komunikazzjoni ta' dawn il-miżuri, talbitha, filwaqt li nnotifikatha bil-klassifikazzjoni preliminari tal-Bord tat-13 ta' Lulju 2022 (ara l-punt 9 iktar 'il fuq), tipproduċilha l-provi dokumentali rilevanti sabiex il-Bord ikun jista' "jevalwa l-kontenut ta' dawn il-miżuri, abbażi tat-tul tal-applikazzjoni tagħhom u tal-prova tal-mod li bih u sa fejn dawn huma implimentati". Barra minn hekk, il-Bord ippreċiża, fil-klassifikazzjoni tiegħu, li r-rikorrenti setgħet ukoll tinformah b'eventwali miżuri korrettivi oħra adottati wara l-24 ta' Awwissu 2021 u turi b'liema mod u sa fejn dawn ġew implimentati u huma suffiċjenti sabiex juru l-affidabbiltà tagħha.

69 Minn dan jirriżulta li, għall-finijiet tal-eżami tal-argumenti tar-rikorrenti li jikkontestaw l-evalwazzjoni tal-miżuri korrettivi tagħha mill-EU-OSHA, ser jittieħdu inkunsiderazzjoni biss il-provi kkomunikati lil din tal-aħħar qabel l-adozzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata.

Fuq il-miżuri korrettivi adottati

70 Skont l-Artikolu 106(8)(a) tar-Regolament finanzjarju preċedenti u mbagħad l-Artikolu 136(7)(a) tar-Regolament finanzjarju, identiċi dwar dan il-punt, il-miżuri korrettivi jistgħu jinkludu b'mod partikolari "miżuri sabiex tiġi identifikata l-oriġini tas-sitwazzjonijiet li jwasslu għall-esklużjoni u miżuri konkreti tekniċi, organizzazzjonali u tal-persunal […] xierqa biex jikkoreġu l-aġir u ma jħallux li jerġa' jiġri darb'oħra".

71 Kif jirriżulta mill-kliem ta' dawn id-dispożizzjonijiet, li jeħtieġu b'mod partikolari "miżuri konkreti […] xierqa biex jikkoreġu l-aġir", il-persuna jew l-entità kkonċernata ma tistax tipprova biss l-adozzjoni ta' regoli interni ġodda jew l-istabbiliment ta' entitajiet ġodda, iżda għandha

tistabbilixxi l-implimentazzjoni u l-effikaċja tagħhom, li waħedhom jistgħu "jikkoreġu" aġir li effettivament seħħ, sal-punt li ġġustifika esklużjoni. Għalhekk, billi huma meħtieġa tali provi, ma jistax jiġi allegat li l-EU-OSHA imponiet lir-rikorrenti livell ta' prova eċċessiv u sproporzjonat. Dan iktar u iktar peress li għandu jitfakkar li r-raġuni għal esklużjoni inkwistjoni hija bbażata fuq element essenzjali tar-relazzjoni bejn l-offerent rebbieħ tal-kuntratt inkwistjoni u l-awtorità kontraenti, jiġifieri l-affidabbiltà ta' dak tal-ewwel, li fuqha hija bbażata l-fiduċja li tagħtih dik tat-tieni (ara s-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, Infraestruturas de Portugal u Futrifer Indústrias Ferroviárias, C-66/22, EU:C:2023:1016, punt 76 u l-ġurisprudenza ċċitata).

72 F'dan il-każ, ir-rikorrenti pproduċiet provi intiżi sabiex tistabbilixxi li hija adottat il-miżuri korrettivi li ġejjin:

– investigazzjoni interna;

– it-tmiem tas-servizz tal-persuni involuti fl-aġir inkwistjoni;

– programm ta' konformità;

– is-segwitu u l-aġġornament tal-programm ta' konformità;

– it-titjib tal-kanal ta' senjalazzjoni;

– l-eżistenza ta' kumitati ta' ġestjoni u ta' prevenzjoni tar-riskji;

– l-adozzjoni ta' politiki u ta' proċeduri fil-qasam tal-etika,

– u t-taħriġ tal-impjegati.

73 Għandu jiġi enfasizzat, preliminarjament, li dawn il-miżuri, li wħud minnhom ġew adottati qabel id-deċiżjoni taċ-CNMC, kollha ġew eżaminati mill-EU-OSHA, barra minn hekk mingħajr ma jissemmew il-kunsiderazzjonijiet taċ-CNMC li kienu diġà ħadu inkunsiderazzjoni wħud minnhom. Minn dan jista' jiġi dedott li, għall-kuntrarju ta' dak li tippretendi r-rikorrenti, l-EU-OSHA wettqet evalwazzjoni awtonoma u ma kkontentatx ruħha b'riproduzzjoni tal-kunsiderazzjonijiet taċ-CNMC. Din l-evalwazzjoni awtonoma, iġġustifikata mis-setgħa ta' evalwazzjoni tal-awtorità tal-Unjoni stess meta mqabbla mal-awtoritajiet nazzjonali (ara l-punti 26 sa 28 iktar 'il fuq), timplika għalhekk, għall-kuntrarju ta' dak li ssostni l-EU-OSHA, li l-miżuri korrettivi diġà analizzati miċ-CNMC ma humiex esklużi mill-analiżi.

– *Fuq l-investigazzjoni interna*

74 Skont il-premessi 57 sa 61 tad-Deċiżjoni kkontestata, l-EU-OSHA tqis li l-pjan ta' azzjoni kkomunikat mir-rikorrenti sabiex turi l-bidu ta' investigazzjoni interna ma jipprovdi ebda informazzjoni dwar id-data tal-investigazzjoni, il-proċedura segwita, il-portata tal-investigazzjoni, ir-riżorsi ddedikati għaliha jew il-persuna li mexxietha u l-livell ta' awtorità tagħha. Bl-istess mod, l-EU-OSHA tikkunsidra li r-rikorrenti lanqas tat rendikont tar-riżultati tal-investigazzjoni, u b'mod partikolari, tal-miżuri meħuda warajha, tal-livell ta' responsabbiltà ggarantit, tal-konsegwenzi li rriżultaw, u fl-aħħar nett, tal-komunikazzjoni tar-riżultati tagħha lill-impjegati u lit-tmexxija tagħha. Minn dan l-EU-OSHA kkonkludiet li, minkejja li t-twettiq ta'

investigazzjoni interna jista' jkun mezz xieraq sabiex jiġi identifikat l-oriġini tal-aġir inkwistjoni, f'dan il-każ, in-nuqqas ta' informazzjoni dwar l-aspetti fuq imsemmija jipprekludiha milli tikkunsidraha bħala miżura korrettiva fiha innifisha.

75 Ir-rikorrenti tenfasizza li l-pjan ta' azzjoni pprovdut lill-Bord kien biss preżentazzjoni ta' informazzjoni essenzjali li serviet sabiex titwettaq l-investigazzjoni interna, li din l-investigazzjoni damet tal-inqas tliet xhur, li ppermettiet li tinkiseb informazzjoni dwar il-proċessi u l-persuni kkonċernati mill-aġir li kien is-suġġett tal-investigazzjoni u kienet segwita minn pjanijiet ta' azzjoni speċifiċi intiżi sabiex jiġi kkoreġut l-aġir inkwistjoni kif ukoll mill-adozzjoni ta' miżuri dixxiplinari fil-konfront tal-individwi responsabbli identifikati.

76 Għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 106(8)(a) tar-Regolament finanzjarju preċedenti u mbagħad l-Artikolu 136(7)(a) tar-Regolament finanzjarju, il-miżuri korrettivi li jistgħu jevitaw esklużjoni, fejn ikunu intiżi sabiex jidentifikaw l-oriġini tas-sitwazzjoni li tat lok għall-esklużjoni, għandhom ikunu segwiti b'miżuri korrettivi xierqa sabiex jikkoreġu din is-sitwazzjoni jew jevitaw li tirrepeti ruħha.

77 Minn dan isegwi li miżura limitata għall-identifikazzjoni tad-diffikultà li minnha oriġinat l-esklużjoni, bħal investigazzjoni interna, ma tistax waħedha tiġi kkunsidrata bħala miżura korrettiva suffiċjenti.

78 Minn dan isegwi wkoll li, anki jekk jiġi ammess, kif issostni r-rikorrenti, li l-investigazzjoni damet tal-inqas tliet xhur, għandhom jiġu eżaminati l-miżuri korrettivi l-oħra adottati sabiex jiġi vverifikat jekk, meħuda flimkien ma' din l-investigazzjoni, kinux debitament ikkunsidrati mill-EU-OSHA bħala li juru l-affidabbiltà tar-rikorrenti.

– *Fuq it-tmiem tas-servizz tal-persuni involuti fl-aġir inkwistjoni*

79 Fil-premessi 62 u 63 tad-Deċiżjoni kkontestata, l-EU-OSHA qieset li t-tkeċċija jew ir-riżenja tal-persuni involuti fl-aġir inkwistjoni huma azzjonijiet pożittivi jekk dawn huma ir-riżultat dirett ta' proċeduri dixxiplinari marbuta mal-imsemmi aġir, li ma kienx stabbilit f'dan il-każ.

80 Ir-rikorrenti tenfasizza li t-tmiem tas-servizz ta' żewġ persuni involuti fl-aġir inkwistjoni kien imsemmi fid-deċiżjoni taċ-CNMC u targumenta li l-EU-OSHA wettqet żball serju ta' evalwazzjoni billi qieset li din il-miżura kienet insuffiċjenti għar-raġuni li ma kinitx ir-riżultat ta' proċedura dixxiplinari, peress li l-effett dissważiv tal-imsemmija miżura kien jirriżulta mill-komunikazzjoni tagħha lill-impjegati. Fi kwalunkwe każ, ir-rikorrenti pproduċiet, f'anness mar-rikors, dokumenti addizzjonali intiżi sabiex juru t-tmiem tas-servizz tal-membri responsabbli mill-aġir kontenzjuż.

81 Għandu jiġi rrilevat li mid-dokumenti prodotti mir-rikorrenti ma tirriżulta ebda rabta bejn it-tmiem tas-servizz tal-persuni kkonċernati u l-aġir inkwistjoni. Huwa minnu li, permezz tad-deċiżjoni taċ-CNMC, li fuqha bbażat ruħha prinċipalment ir-rikorrenti, tal-inqas membru wieħed tal-persunal tar-rikorrenti temm is-servizz tiegħu fil-31 ta' Diċembru 2018. Madankollu, ma hemm ebda indikazzjoni dwar ir-raġuni u n-natura ta' dan it-tmiem tas-servizz, riżenja jew tkeċċija, li tippermetti li tiġi stabbilita rabta mal-aġir inkwistjoni. Barra minn hekk, din ir-rabta mal-aġir inkwistjoni hija inqas plawżibbli peress li għaddew kważi sentejn bejn il-bidu tal-investigazzjoni u t-tmiem tas-servizz.

82 Madankollu, hija biss tali rabta li tista' tipproduċi l-effett disswaživ, u anki tevita r-repetizzjoni tal-aġir inkwistjoni, allegat mir-rikorrenti.

83 Għalhekk, mingħajr ma wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni, l-EU-OSHA kkunsidrat li t-tmiem tas-servizz tal-persuni involuti fl-aġir inkwistjoni ma kienx jikkostitwixxi miżura korrettiva suffiċjenti f'dan il-każ.

– *Fuq il-programm ta' konformità*

84 Skont il-premessi 64 sa 71 tad-Deċiżjoni kkontestata, ma jistax jiġi stabbilit li l-programm ta' konformità stabbilit wara l-investigazzjoni interna, li jikkonsisti fi pjan ta' konformità speċifiku għall-proċeduri nnegozjati mingħajr pubblikazzjoni (Mejju 2017) u fi pjan ta' azzjoni ġdid għat-tisħiħ tal-konformità fis-settur pubbliku (Novembru 2017), kien ġie effettivament implimentat. Barra minn hekk l-EU-OSHA tiddubita l-effikaċja tal-kontrolli mwettqa mill-"assoċjat speċjali ta' kontroll", stabbilit mill-pjan ta' Mejju 2017.

85 Ir-rikorrenti tenfasizza, minn naħa, li l-pjan ta' konformità speċifiku għall-proċeduri nnegozjati mingħajr pubblikazzjoni ta' Mejju 2017 kif ukoll il-pjan ta' azzjoni ġdid għat-tisħiħ tal-konformità fis-settur pubbliku ta' Novembru 2017 saru definittivi, u min-naħa l-oħra, li "assoċjat speċjali ta' kontroll" jikkontrolla kull xahar il-proġetti ta' konsulenza lis-settur pubbliku, li kien muri permezz ta' tliet rapporti ta' kontroll ta' dan l-assoċjat ippreżentati lill-EU-OSHA, kif ukoll permezz tar-rapporti ta' kontroll kollha stabbiliti fl-2018, ippreżentati f'anness mar-rikors. Hija żżid ukoll li implimentat miżuri intiżi sabiex jiġi evitat li l-aġir inkwistjoni jirrepeti ruħu, li huwa stabbilit mid-dokumenti prodotti f'anness mar-rikors.

86 L-ewwel nett, għandu jiġi rrilevat li d-dokumenti prodotti mir-rikorrenti sabiex tistabbilixxi l-pjan ta' azzjoni tagħha ta' Novembru 2017 huma "dokument intern" b'din id-data u li jagħti dettalji ta' diversi miżuri, li ma jinkludi la indikazzjoni tal-awtur tiegħu u lanqas isemmi l-isem tar-rikorrenti, u preżentazzjoni skematika li tirriproduċi dawn il-miżuri, bl-istess data u bl-isem tar-rikorrenti. Dawn id-dokumenti, it-tnejn datati bid-data tal-adozzjoni tal-pjan, ma jippermettux li tiġi eskluża l-plawżibbiltà tad-dubji tal-EU-OSHA dwar l-implimentazzjoni effettiva tal-pjan ta' Novembru 2017, u dan iktar u iktar peress li r-rikorrenti setgħet, sabiex tneħħi dawn id-dubji, tipproduċi dokumenti li juru t-twettiq tal-istadji ulterjuri previsti minn dan il-pjan u ddettaljati fiż-żewġ dokumenti, b'mod partikolari billi tipproduċi r-"rapport li jinkludi l-konklużjonijiet, il-metodoloġija użata u d-deskrizzjoni tal-valutazzjoni mwettqa", li l-preżentazzjoni tagħhom kienet prevista mill-pjan.

87 It-tieni nett, fir-rigward tal-pjan ta' konformità ta' Mejju 2017, għandu jiġi kkonstatat li dan huwa ppreżentat ukoll f'forma ta' "dokument intern", mingħajr indikazzjoni tal-awtur tiegħu, u lanqas isemmi l-isem tar-rikorrenti. L-uniċi dokumenti li juru l-implimentazzjoni tiegħu jirrigwardaw miżuri previsti mill-pjan jiġifieri l-kontroll mensili mwettaq mill-"assoċjat speċjali ta' kontroll". Madankollu, ir-rapporti ta' kontroll mensili prodotti, u inkluż dawk ikkomunikati fil-kuntest ta' din l-istanza, li jirrigwardaw biss is-sena 2018, minkejja li l-pjan ma kienx jipprevedi data tat-tmiem ta' dan il-kontroll, ma jippermettux li tiġi eskluża l-plawżibbiltà tad-dubji tal-EU-OSHA fir-rigward tat-tkomplija tal-imsemmi kontroll lil hinn mill-2018 u dan sad-data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata.

88 Minn dan isegwi li l-EU-OSHA setgħet tikkunsidra, mingħajr ma twettaq żball manifest ta' evalwazzjoni, li ż-żewġ pjanijiet stabbiliti fil-kuntest tal-programm ta' konformità adottat wara l-investigazzjoni interna ma kinux jikkorrispondu għal miżuri korrettivi suffiċjenti.

– *Fuq is-segwitu u l-aġġornament tal-programm ta' konformità*

89 Fil-premessi 78 u 79 tad-Deċiżjoni kkontestata, l-EU-OSHA qieset li r-rikorrenti ma kinitx ipproduċiet provi sostanzjali fir-rigward tal-attivitajiet effettivi ta' segwitu tal-miżuri adottati fil-kuntest tal-programm ta' konformità.

90 Ir-rikorrenti tqis li l-eżempju ta' aġġornament tal-miżuri adottati fil-kuntest tal-programm ta' konformità, datat 29 ta' April 2019, ippreżentat lill-EU-OSHA u li juri s-segwitu ta' dan il-programm, hija prova suffiċjenti u prodotta fil-kuntest ta' din l-istanza, fil-każ li l-Qorti Ġenerali tqis neċessarju, żewġ messaġġi elettroniċi tad-direttur tar-riskji lill-impjegati kkonċernati li jinformawhom bl-aġġornament b'mod partikolari tal-mudelli ta' kuntratti relatati mar-relazzjonijiet kummerċjali l-iktar komuni.

91 F'dan ir-rigward, huwa suffiċjenti li jiġi kkonstatat li r-rikorrenti pproduċiet biss lill-EU-OSHA messaġġ elettroniku tad-29 ta' April 2019, li kien iħabbar żieda mal-"politika tal-impriża dwar ir-rigali u oġġetti simili", mingħajr ma annettiet mal-messaġġ elettroniku d-dokument li jinkludi d-dokument aġġornat. Fl-assenza ta' dokumenti oħra li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni, peress li ma kinux ippreżentati lill-EU-OSHA, dan il-messaġġ elettroniku biss ma jippermettix li tiġi kkontestata l-konstatazzjoni ta' insuffiċjenza ta' provi tas-segwitu u tal-aġġornament tal-programm ta' konformità tar-rikorrenti, peress li dan jirrigwarda aspett wieħed biss ta' dan il-programm, u barra minn hekk, aspett mhux direttament ikkonċernat mill-aġir inkwistjoni, b'tali mod li għalhekk, ma jistax jiġi kkunsidrat bħala "li jikkoreġi" n-nuqqas li minnu toriġina l-esklużjoni.

92 Għalhekk, l-EU-OSHA ma wettqitx żball manifest ta' evalwazzjoni, billi qieset li l-aġġornament u s-segwitu tal-programm ta' konformità ma humiex suffiċjentement stabbiliti sabiex jikkostitwixxu miżuri korrettivi tan-nuqqas li minnu toriġina l-esklużjoni.

– *Fuq is-senjalazzjonijiet*

93 Fil-premessi 72 sa 74 tad-Deċiżjoni kkontestata, l-EU-OSHA laqgħet it-titjib magħmul lill-kanal ta' senjalazzjoni intern, billi enfasizzat li l-eżistenza ta' mekkaniżmu ta' senjalazzjoni kunfidenzjali u ta' proċess effikaċi u affidabbli ta' investigazzjoni dwar l-allegazzjonijiet ta' aġir ħażin hija waħda mill-miżuri korrettivi, bħala prinċipju, l-iktar effikaċi. Madankollu, hija kkonstatat l-insuffiċjenza tal-provi mogħtija mir-rikorrenti sabiex turi l-implimentazzjoni u l-effikaċja tat-titjib magħmul lill-kanal ta' senjalazzjoni tagħha.

94 Ir-rikorrenti tirrileva li l-kanal ta' senjalazzjoni tagħha kien ġie esternalizzat ma' impriża terza għat-titjib tiegħu, li huwa stabbilit minn dokumenti prodotti lill-EU-OSHA, li juru l-proċedura tat-trattament ta' senjalazzjonijiet, il-valutazzjoni annwali tal-użu ta' din il-proċedura u l-promozzjoni tagħha fi ħdan l-impriża, li magħhom tiżdied id-data li tinsab fir-rapport ta' impatt tagħha tal-2021 disponibbli fuq is-sit internet tagħha.

95 Mill-provi prodotti mir-rikorrenti jista' jiġi dedott li proċedura ta' senjalazzjoni ġdida kienet effettivament ġiet adottata u promossa fi ħdan l-impriża f'Lulju 2018.

96 Mill-banda l-oħra, il-messaġġ elettroniku mibgħut lill-impjegati mir-rikorrenti fit-22 ta' Mejju 2019 sabiex tistedinhom iwieġbu kwestjonarju fil-kuntest tal-investigazzjoni annwali dwar l-etika ma jippermettix, fl-assenza ta' produzzjoni tal-kwestjonarju, li juri l-eżistenza ta' segwitu annwali tal-implimentazzjoni tal-proċedura l-ġdida. Fir-rigward tad-data relatata

mas-senjalazzjonijiet irċevuti u għas-segwiti li ngħataw għas-sena 2021, kif imsemmija fir-rikors, din ma hija stabbilita mkien, ħlief b'riferiment għas-sit internet tar-rikorrenti. Madankollu, għalkemm tali riferiment huwa bħala prinċipju ammissibbli (ara d-digriet tat-13 ta' Diċembru 2023, Hamoudi vs Frontex, T-136/22, mhux ippubblikat, taħt appell, EU:T:2023:821, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata), id-data li tinsab fis-sit internet tar-rikorrenti ma tistax tittieħed inkunsiderazzjoni f'dan il-każ, għaliex din ma kinitx ippreżentata lill-EU-OSHA, la sostanzjalment u lanqas b'riferiment għas-sit internet, minkejja li l-oneru tal-prova huwa fuq ir-rikorrenti. Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi kkonstatat li r-rapport ta' impatt tal-2021, disponibbli fis-sit internet tar-rikorrenti, jindika biss in-numru ta' senjalazzjonijiet irċevuti fl-2021 (18), il-fatt li kienu jirrigwardaw b'mod partikolari "l-integrità" u li kollha kienu solvuti fid-data tar-rapport, mingħajr preċiżazzjonijiet oħra, li ma jippermettix li tiġi stabbilita ż-żieda sinjifikattiva allegata tan-numru ta' senjalazzjonijiet, u lanqas jipprovdi indikazzjonijiet konkreti dwar is-segwiti mogħtija lil dawn is-senjalazzjonijiet.

97 Minn dan jirriżulta li r-rikorrenti ma pproduċietx provi li jistgħu jeskludu l-plawżibbiltà tal-konstatazzjoni mill-EU-OSHA tal-prova insuffiċjenti tal-implimentazzjoni u tal-effikaċja tal-proċedura ta' senjalazzjoni ġdida.

– *Fuq il-kumitati ta' ġestjoni u ta' prevenzjoni tar-riskji*

98 Skont il-premessi 75 sa 77 tad-Deċiżjoni kkontestata, l-eżistenza allegata ta' kumitat ta' ġestjoni tar-riskji u ta' kumitat ta' prevenzjoni tar-riskji bl-ebda mod ma hija ssostanzjata, u lanqas l-esperjenza u anzjani tal-anzjanità tal-membri tagħhom u l-attivitajiet imwettqa minn dawn il-kumitati.

99 Ir-rikorrenti tenfasiza li l-manwal tal-politiki tal-grupp jipprovdi l-eżistenza ta' superviżur tar-riskji li għandu ċerta anzjanità u esperjenza u li jirrapporta lit-tmexxija.

100 F'dan ir-rigward, huwa suffiċjenti li jiġi kkonstatat li fid-dawl tal-kontenut tiegħu, jiġifieri linji gwida li barra minn hekk ma jsemmux il-kumitati ta' ġestjoni u ta' prevenzjoni tar-riskji, u tad-data ta' adozzjoni tiegħu, fl-2016, jiġifieri matul il-perijodu tal-ksur, id-dokument ikkomunikat mir-rikorrenti ma jistax jistabbilixxi li dawn il-kumitati jikkostitwixxu, flimkien ma' miżuri oħra, dispożittiv korrettiv ta' natura li turi l-affidabbiltà tar-rikorrenti.

101 Għalhekk, ebda żball manifest ta' evalwazzjoni ma jista' jiġi sostnut fir-rigward tal-evalwazzjoni mill-EU-OSHA tal-effikaċja tal-kumitati ta' ġestjoni u ta' prevenzjoni tar-riskji tar-rikorrenti.

– *Fuq il-proċeduri u l-politiki fil-qasam tal-etika*

102 Fil-premessi 80 sa 87 tad-Deċiżjoni kkontestata, l-EU-OSHA kkunsidrat li l-provi pprovduti mir-rikorrenti ma jippermettux li tiġi stabbilita l-implimentazzjoni effettiva tal-kodiċi tal-etika fl-impriża, u lanqas l-awtonomija tal-kumitat tal-etika, u l-kwistjonijiet effettivament indirizzati jew il-miżuri meħuda fir-rigward tal-persunal minn dan il-kumitat. Fir-rigward tal-politiki l-oħra adottati mir-rikorrenti, xejn ma jindika li dawn kienu segwiti u applikati fi ħdan l-impriża.

103 Ir-rikorrenti tenfasizza li l-kodiċi tal-etika kien ġie approvat pubblikament mill-President Direttur Ġenerali tal-grupp u jista' jiġi kkonsultat fuq is-sit internet tagħha. Barra minn hekk, hija pproduċiet verżjoni aġġornata tal-kodiċi ta' etika kif ukoll sensiela ta' komunikazzjonijiet indirizzati lill-pesunal fl-2019 li jfakkru l-importanza tal-osservanza tal-kodiċi ta' etika. Barra

minn hekk, ir-rikorrenti tfakkar il-funzjonijiet tal-kumitat tal-etika u l-bidu tal-aħħar investigazzjoni fl-2019, li jippermettu li jiġu identifikati l-kwistjonijiet ittrattati minn dan il-kumitat u l-miżuri li huwa jadotta. Fir-rigward tal-miżuri l-oħra adottati, jiġifieri l-manwal tal-politiki tal-grupp, il-manwal ta' konformità u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-politika ta' konformità kif ukoll il-gwida ta' konformità fil-qasam tal-kompetizzjoni, ir-rikorrenti tipprevalixxi ruħha mill-komunikazzjoni tagħhom lill-persunal tagħha, billi tikkompleta l-provi pprovduti f'dan ir-rigward, u fir-rigward, b'mod speċifiku tal-manwal tal-politiki tal-grupp, targumenta nuqqas ta' motivazzjoni fl-assenza ta' spjegazzjoni dwar in-natura insuffiċjenti ta' din il-miżura fid-Deċiżjoni kkontestata.

104 Fir-rigward tal-kodiċi ta' etika, għandu jiġi rrilevat li l-provi prodotti mir-rikorrenti, li juru l-eżistenza tiegħu, ma jippermettux li tiġi eskluża l-plawżibbiltà tal-konstatazzjoni mill-EU-OSHA tal-assenza ta' prova tal-implimentazzjoni effettiva ta' dan il-kodiċi, minkejja li tali provi setgħu ġew ipprovduti, b'mod partikolari abbażi tal-azzjonijiet meħuda mill-kumitat ta' etika stabbilit mill-kodiċi ta' etika.

105 Preċiżament fir-rigward tal-kumitat ta' etika, il-provi kkomunikati mir-rikorrenti, li jirrigwardaw prinċipalment ir-regoli li jirregolaw dan il-kumitat, ma jippermettux li jiġu stabbiliti l-azzjonijiet konkreti, b'mod partikolari sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni sħiħa tal-kodiċi ta' etika. Huwa minnu li r-rikorrenti pproduċiet messaġġ elettroniku li juri l-bidu mill-kumitat ta' etika ta' investigazzjoni ta' etika mal-persunal kollu intiża sabiex jiġi evalwat l-għarfien tal-kodiċi u jiġi identifikat titjib potenzjali. Madankollu, minbarra l-fatt li r-rikorrenti ma inkludietx il-kwestjonarju anness ma' dan il-messaġġ elettroniku (ara l-punt 96 iktar 'il fuq), xorta jibqa' l-fatt li ebda prova ma ġiet ikkomunikata dwar ir-riżultati ta' din l-investigazzjoni u tas-segwiti li kienu mogħtija lilha.

106 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-manwali, il-gwidi u l-politiki adottati mir-rikorrenti sabiex tippromwovi l-etika, il-prova tal-eżistenza tagħhom meta dawn kienu effettivament ipprovduti, jew anki tat-tqassim tagħhom, ma tippermettix kontestazzjoni tal-konstatazzjoni mill-EU-OSHA tal-assenza ta' prova tal-implimentazzjoni effettiva tagħhom. Barra minn hekk, il-multiplikazzjoni tad-dokumenti mqassma ma hijiex neċessarjament ta' natura li tiffavorixxi tali implimentazzjoni effettiva. B'mod iktar partikolari, fir-rigward tal-manwal ta' politika tal-grupp, li fir-rigward tiegħu r-rikorrenti targumenta nuqqas ta' motivazzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata, għandu jiġi ppreċiżat li l-EU-OSHA ħaditu inkunsiderazzjoni u ddeċidiet fir-rigward tiegħu flimkien ma' politiki oħra tal-impriża fil-premessi 81 sa 83 tad-Deċiżjoni kkontestata billi qieset li s-sempliċi preżentazzjoni tagħhom mingħajr prova addizzjonali tal-implimentazzjoni tagħhom kien insuffiċjenti.

107 Għalhekk, l-EU-OSHA ma wettqitx żball manifest fl-evalwazzjoni tagħha tal-implimentazzjoni fi ħdan ir-rikorrenti tal-proċeduri u tal-politiki fil-qasam tal-etika.

– *Fuq it-taħriġ tal-impjegati*

108 Skont il-premessi 88 sa 90 tad-Deċiżjoni kkontestata, il-provi prodotti mir-rikorrenti ma jippermettux li jiġi evalwat l-impatt globali probabbli tal-offerta tagħha ta' taħriġ fuq l-aġir tal-impjegati tagħha, fl-assenza ta' prova dwar ir-rata ta' preżenza għat-taħriġ u l-effetti tiegħu fuq l-għarfien effettiv tal-impjegati.

109 Ir-rikorrenti targumenta li l-programm ta' taħriġ stabbilit qabel l-investigazzjoni taċ-CNMC bħal dak maħluq speċifikament wara din l-investigazzjoni juru mingħajr ekwivoku l-volontà tagħha li tkun konformi mal-leġiżlazzjoni, billi tenfasizza l-eżistenza fi ħdanha ta' servizz iddedikat għat-taħriġ intern u n-natura obbligatorja tat-taħriġ ikkonċernat, murija b'diversi dokumenti prodotti lill-Qorti Ġenerali.

110 Ma huwiex ikkontestat li ċertu taħriġ inkwistjoni kien speċifikament stabbilit sabiex tiġi evitata r-repetizzjoni tal-aġir inkwistjoni, li barra minn hekk huwa stabbilit mid-dokumenti pprovduti mir-rikorrenti, li jindikaw jew jirriproduċu l-kontenut ta' dan it-taħriġ.

111 Madankollu, dawn id-dokumenti ma jidentifikawx il-benefiċjarji tat-taħriġ inkwistjoni, u lanqas juru l-effikaċja tiegħu. L-allegata natura obbligatorja tiegħu tikkontribwixxi ċertament għal tixrid ikbar tat-tagħlim inkwistjoni, iżda ma tippermettix, fiha nnifisha, li wieħed ikun jaf ir-rata eżatta ta' parteċipazzjoni, u fuq kollox lanqas il-kategoriji ta' benefiċjarji li huma kkonċernati, minkejja l-fatt li l-mira ta' ċerti kategoriji hija determinanti għall-effett utli tagħhom, u ferm inqas l-assimilazzjoni tat-tagħlim ipprovdut, li setgħet tintwera billi jiġu prodotti provi dwar it-twettiq ta' testijiet fl-aħħar tas-sessjonijiet ta' taħriġ u dwar ir-riżultati ta' dawn it-testijiet.

112 Konsegwentement, l-EU-OSHA ma wettqitx żball manifest ta' evalwazzjoni billi qieset li t-taħriġ stabbilit mir-rikorrenti ma kienx jikkostitwixxi miżura korrettiva suffiċjenti.

113 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li l-EU-OSHA ma wettqitx żball manifest fl-evalwazzjoni tagħha tal-miżuri korrettivi adottati mir-rikorrenti, kemm jekk dawn jittieħdu b'mod iżolat jew anki flimkien u fis-suċċessjoni kronoloġika tagħhom, fid-dawl tal-insuffiċjenza tal-provi tal-implimentazzjoni tagħhom u tal-effikaċja tagħhom, komuni għall-miżuri kollha.

114 Din il-konklużjoni ma hijiex ikkontestata mill-argument, imressaq mir-rikorrenti fir-replika, li wara d-deċiżjoni taċ-CNMC li tirrigwarda l-fatti li seħħew fl-2017, hija ma reġgħetx kienet issanzjonata, li juri l-affidabbiltà tagħha sa minn dik id-data. Fil-fatt l-assenza ta' sanzjoni minn awtorità ta' kompetizzjoni ma timplikax l-assenza ta' twettiq ta' atti ta' ksur, u lanqas *a fortiori* l-effikaċja tal-miżuri korrettivi adottati.

115 Konsegwentement, it-tieni motiv għandu jiġi miċħud.

Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq in-natura sproporzjonata tad-deċiżjoni ta' esklużjoni

116 Ir-rikorrenti tinvoka l-ksur tal-Artikolu 106(3) u tal-Artikolu 106(7)(a) u (d) tar-Regolament finanzjarju preċedenti u tal-Artikolu 136(3)(a) tar-Regolament finanzjarju, moqrija flimkien mal-prinċipju ta' proporzjonalità u tippretendi li l-analiżi tan-natura proporzjonata tas-sanzjoni imposta minn dawn id-dispożizzjonijiet hija vvizzjata minn żbalji manifesti ta' evalwazzjoni.

117 Fir-rigward taċ-ċirkustanza aggravanti marbuta mal-gravità tas-sitwazzjoni u mal-effett tal-aġir, ir-rikorrenti tqis li dan il-każ ma jirrigwardax sitwazzjoni serja u li l-effett allegatament kbir tal-aġir ma jistax jiġi sostnut. F'dan ir-rigward, hija tenfasizza l-assenza ta' dannu dirett għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni, l-assenza ta' korruzzjoni jew ta' frodi, il-portata territorjali limitata tal-aġir inkwistjoni, il-parteċipazzjoni ta' assoċjat wieħed biss tar-rikorrenti, iż-żmien li għadda sa mill-fatti u l-assenza ta' ċirkustanzi aggravanti relatati mal-effett tal-aġir fuq il-kompetizzjoni fir-Regolament finanzjarju, peress li huwa biss l-effett finanzjarju li jittieħed inkunsiderazzjoni. Issa, skont ir-rikorrenti, il-fatt li tiġi awtorizzata tipparteċipa fil-proċeduri ta'

sejħiet għal offerti tal-istituzzjonijiet u tal-korpi tal-Unjoni ma jistax ikollu effett fuq il-baġit tal-Unjoni, peress li l-aġir inkwistjoni seħħ f'settur mhux irregolat mir-regolament ta' kuntratti pubbliċi tal-Unjoni.

118 Fir-rigward tal-allegat irwol tagħha ta' instigatur tal-aġir inkwistjoni, ir-rikorrenti ssostni li l-EU-OSHA wettqet żball serju ta' evalwazzjoni billi ppreżupponiet li ċ-CNMC ikkunsidra li hija kellha rwol ewlieni fil-ksur, u li fi kwalunkwe każ, tali ċirkustanza ma kinitx prevista mir-Regolament finanzjarju, peress li dan tal-aħħar jinvoka biss in-natura intenzjonata u l-grad ta' negliġenza, li f'dan il-każ ma kinux stabbiliti.

119 Fir-replika, ir-rikorrenti tikkritika ż-żieda mill-EU-OSHA fir-risposta tagħha ta' ċirkustanzi aggravanti ġodda li ma kinux sostnuti fid-Deċiżjoni kkontestata u minn dan tiddeduċi n-natura inammissibbli tal-allegazzjonijiet ikkonċernati.

120 Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti ssostni li fid-dawl tal-miżuri korrettivi li hija ħadet, li jirrendu improbabbli r-repetizzjoni tal-aġir inkwistjoni, is-sanzjoni ta' esklużjoni hija sproporzjonata.

121 Skont l-Artikolu 106(3) tar-Regolament finanzjarju preċedenti, bħall-Artikolu 136(3)(a) tar-Regolament finanzjarju, id-deċiżjonijiet tal-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni għandhom jittieħdu f'osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità u b'teħid inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, tal-gravità tas-sitwazzjoni, inkluż l-effett fuq l-interessi finanzjarji u r-reputazzjoni tal-Unjoni, taż-żmien li għadda sa mill-konstatazzjoni tal-aġir inkwistjoni, tat-tul tal-aġir u tar-repetizzjoni eventwali tiegħu, tan-natura intenzjonata tal-aġir jew tal-grad ta' negliġenza u ta' kull ċirkustanza attenwanti oħra, bħall-kooperazzjoni tal-persuna jew l-entità mal-awtorità kompetenti kkonċernata u l-kontribuzzjoni ta' din il-persuna jew entità fl-investigazzjoni. Bl-istess mod, l-Artikolu 106(7)(c) tar-Regolament finanzjarju preċedenti u mbagħad l-Artikolu 136(6)(c) tar-Regolament finanzjarju jipprovdu li persuna jew entità ma għandhiex tiġi eskluża meta tali esklużjoni tkun sproporzjonata. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 106(14)(c) tar-Regolament finanzjarju preċedenti u mbagħad l-Artikolu 139(1)(b)(ii) tar-Regolament finanzjarju, il-perijodu tal-esklużjoni ma għandux jeċċedi tliet snin fil-każ fejn din l-esklużjoni hija bbażata, bħal f'dan il-każ, fuq l-Artikolu 106(1)(c) tar-Regolament finanzjarju preċedenti jew l-Artikolu 136(1)(c) tar-Regolament finanzjarju rispettivament, u fejn ma jkunx hemm sentenza definittiva jew deċiżjoni amministrattiva definittiva.

122 Barra minn hekk, minn ġurisprudenza stabbilita fil-qasam tad-dritt tas-sanzjonijiet jirriżulta li skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, l-atti tal-istituzzjonijiet ma għandhomx imorru lil hinn minn dak li huwa xieraq u neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan imfittex. Il-gravità tal-ksur għandha tiġi stabbilita skont numru ta' elementi u ma għandha tingħata importanza sproporzjonata lill-ebda wieħed minn dawn l-elementi meta mqabbel ma' elementi ta' evalwazzjoni oħrajn. Il-prinċipju ta' proporzjonalità jimplika, f'dan il-kuntest, li s-sanzjoni għandha tiġi stabbilita b'mod proporzjonat għall-elementi meħuda inkunsiderazzjoni sabiex tiġi evalwata l-gravità tal-ksur u li dawn l-elementi għandhom japplikaw b'mod koerenti u oġġettivament iġġustifikat (sentenza tad-9 ta' Frar 2022, Companhia de Seguros Índico vs Il-Kummissjoni, T-672/19, mhux ippubblikata, EU:T:2022:64, punt 80, ara wkoll, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tas-17 ta' Mejju 2011, Arkema France vs Il-Kummissjoni, T-343/08, EU:T:2011:218, punt 63 u l-ġurisprudenza ċċitata).

123 Fl-evalwazzjoni tagħha tal-proporzjonalità ta' eventwali esklużjoni, l-EU-OSHA qieset li għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-evalwazzjoni miċ-CNMC tal-parteċipazzjoni tar-rikorrenti f'akkordju, li tikkostitwixxi ksur serju tar-regoli ta' kompetizzjoni nazzjonali u tal-Unjoni (premessa 99

tad-Deċiżjoni kkontestata), u filwaqt li ammettiet l-assenza ta' dannu dirett lill-interessi finanzjarji tal-Unjoni, ikkunsidrat li dan il-ksur kien jikkostitwixxi forma ta' mġiba professjonali ħażina serja li tinkludi wkoll riskji għall-baġit tal-Unjoni (premessa 101 tad-Deċiżjoni kkontestata). Minn dan l-EU-OSHA kkonkludiet li f'dan il-każ, l-esklużjoni tar-rikorrenti ma hijiex sproporzjonata.

124 Fir-rigward tal-perijodu tal-esklużjoni, l-EU-OSHA sostniet esklużjoni ta' sentejn, inqas mit-tul massimu ta' tliet snin, u bbażat ruħha fuq it-tliet ċirkustanzi aggravanti li huma l-perijodu twil tal-aġir kontenzjuż (99 xahar), l-effett ta' dan l-aġir (iktar minn 80 kuntratt ikkonċernat u ż-żamma mir-rikorrenti tal-ogħla rata ta' kopertura fin-network ikkonċernat) u r-rwol ewlieni tar-rikorrenti (premessa 112 tad-Deċiżjoni kkontestata), filwaqt li ħadet ukoll inkunsiderazzjoni ż-żmien li għadda sa mill-aġir inkwistjoni (iktar minn ħames snin), tal-assenza ta' dannu dirett lill-interessi finanzjarji tal-Unjoni u tal-adozzjoni ta' miżuri korrettivi fid-direzzjoni t-tajba, anki jekk insuffiċjenti sabiex juru l-affidabbiltà tar-rikorrenti (premessi 113 sa 115 tad-Deċiżjoni kkontestata).

125 F'dan il-każ, l-argument li permezz tiegħu r-rikorrenti tikkontesta l-proporzjonalità tad-deċiżjoni ta' esklużjoni għal perijodu ta' sentejn fid-dawl taċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ għandu jiġi interpretat bħala li jistieden lill-Qorti Ġenerali tevalwa, fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, il-proporzjonalità tas-sanzjoni ta' esklużjoni u l-perijodu tagħha b'kunsiderazzjoni taċ-ċirkustanzi allegati (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-29 ta' Ġunju 2022, LA International Cooperation vs Il-Kummissjoni, T-609/20, EU:T:2022:407, punt 158). Fil-fatt, fid-dawl ukoll tal-kap ta' talbiet ippreżentat sussidjarjament, li permezz tiegħu r-rikorrenti titlob lill-Qorti Ġenerali tissostitwixxi l-miżura ta' esklużjoni b'sanzjoni finanzjarja, dan il-motiv għandu jiġi analizzat bħala li jitlob lill-Qorti Ġenerali, jekk hija tqis li s-sanzjoni ta' esklużjoni hija sproporzjonata, tissostitwixxiha b'miżura inqas severa, li kien ikkonfermat mir-rikorrenti waqt is-seduta bi tweġiba għal mistoqsija magħmula mill-Qorti Ġenerali.

126 Ċertament, l-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa ma huwiex ekwivalenti għal stħarriġ *ex officio* u l-proċedura quddiem il-qrati tal-Unjoni hija kontradittorja. Għalhekk, il-ġurisdizzjoni sħiħa ma tobbligax lill-Qorti Ġenerali twettaq *ex officio* istruttorja ġdida u sħiħa tal-proċess, irrispettivament mill-ilmenti invokati mir-rikorrenti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Novembru 2018, "Pro NGO!" vs Il-Kummissjoni, T-454/17, EU:T:2018:755, punt 83, ara wkoll, b'analoġija, is-sentenza tas-26 ta' Jannar 2017, Duravit *et* vs Il-Kummissjoni, C-609/13 P, EU:C:2017:46, punti 32, 33 u 36). Madankollu, sabiex tissodisfa r-rekwiżiti ta' stħarriġ sħiħ fis-sens tal-Artikolu 47 tal-Karta għal dak li jirrigwarda s-sanzjonijiet, il-qorti tal-Unjoni hija obbligata li teżamina kull ilment, ta' liġi jew ta' fatt, intiż sabiex juri li s-sanzjoni ma hijiex adegwata għall-gravità u t-tul tal-ksur (ara, b'analoġija, is-sentenza tas-26 ta' Settembru 2018, Infineon Technologies vs Il-Kummissjoni, C-99/17 P, EU:C:2018:773, punt 195 u l-ġurisprudenza ċċitata). Issa, billi tikkontesta l-proporzjonalità tal-esklużjoni tagħha, ir-rikorrenti tikkontesta preċiżament din l-adegwatezza f'dan il-każ.

127 Minn dan isegwi li dan il-motiv li jirrigwarda s-sanzjoni imposta f'dan il-każ lir-rikorrenti, kif ukoll l-argumenti kollha mressqa insostenn tiegħu relatati mal-evalwazzjoni taċ-ċirkustanzi aggravanti u attenwanti meħuda inkunsiderazzjoni, għandhom jiġu eżaminati billi tintuża l-ġurisdizzjoni sħiħa tal-Qorti Ġenerali skont l-Artikolu 143(9) tar-Regolament finanzjarju (ara wkoll il-punti 52 sa 54 iktar 'il fuq).

128 Minn dan jirriżulta wkoll li, għall-kuntrarju ta' dak li ssostni l-EU-OSHA, il-Qorti Ġenerali hija awtorizzata, permezz tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, tirriforma l-att ikkontestat billi tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi fattwali kollha, sabiex, pereżempju, tbiddel il-perijodu

tal-esklużjoni (sentenza tad-29 ta' Ġunju 2022, LA International Cooperation vs Il-Kummissjoni, T-609/20, EU:T:2022:407, punt 157) u ma tistax teżerċita biss sħarriġ ristrett għall-evalwazzjoni taċ-ċirkustanzi aggravanti u attenwanti inkwistjoni.

129 L-ewwel nett, fir-rigward taċ-ċirkustanza aggravanti relatata mal-gravità tas-sitwazzjoni, għandu jiġi kkonstatat, qabelxejn, li mill-użu tal-espressjoni "inkluż" qabel ma jissemma l-"impatt fuq l-interessi finanzjarji u l-immaġni tal-Unjoni" fid-dispożizzjonijiet applikabbli (ara l-punt 121 iktar 'il fuq), jirriżulta li dan l-effett ma huwiex l-uniku li jista' jittieħed inkunsiderazzjoni fl-evalwazzjoni ta' din iċ-ċirkustanza aggravanti. Għalhekk, il-gravità tal-aġir inkwistjoni tista' tittieħed inkunsiderazzjoni wkoll (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-29 ta' Ġunju 2022, LA International Cooperation vs Il-Kummissjoni, T-609/20, EU:T:2022:407, punt 159, u tal-21 ta' Diċembru 2022, Vialto Consulting vs Il-Kummissjoni, T-537/18, mhux ippubblikata, EU:T:2022:852, punt 160), kif ġara fid-Deċiżjoni kkontestata (premessi 99 u 101).

130 Imbagħad, għandu jiġi kkunsidrat li l-aġir tar-rikorrenti jista' jiġi kklassifikat bħala serju. Fil-fatt, ir-rikorrenti ma tikkontestax li ċ-CNMC, awtriċi tad-deċiżjoni li minnha toriġina din l-esklużjoni, ikklassifikat il-ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni li fih ipparteċipat ir-rikorrenti bħala "serju". Ir-rikorrenti lanqas tikkontesta li l-aġir tagħha seta', mingħajr il-miżuri korrettivi, jikkostitwixxi "mġiba professjonali ħażina serja" fis-sens tad-dispożizzjonijiet applikabbli f'dan il-każ. Huwa minnu li, kif ġustament tenfasizza r-rikorrenti, tali klassifikazzjonijiet ma humiex suffiċjenti sabiex jikkaratterizzaw il-"gravità tas-sitwazzjoni", inkella kwalunkwe mġiba professjonali ħażina serja tkun ikkunsidrata ssanzjonata b'mod proporzjonat minn esklużjoni. Madankollu, f'dan il-każ, kif jirriżulta mid-Deċiżjoni kkontestata u mingħajr kontestazzjoni tad-data inkwistjoni mir-rikorrenti, tali gravità hija sostnuta min-numru kunsiderevoli ta' kuntratti kkonċernati mill-ksur (80) u miż-żamma mir-rikorrenti tal-ogħla rata ta' kopertura fin-network ikkonċernat (premessa 112(b) u (c) tad-Deċiżjoni kkontestata). F'dan ir-rigward, huwa irrilevanti li l-persuni direttament responsabbli temmew sussegwentement is-servizz tagħhom fi ħdan ir-rikorrenti, peress li dan it-tmiem, sussegwenti għat-tmiem tal-ksur u li r-rabta tiegħu mal-ksur ma hijiex stabbilita, la jikkontesta dan il-ksur u lanqas il-gravità tiegħu. L-istess japplika għaż-żmien li għadda sa mill-fatti, invokat ukoll mir-rikorrenti, li minkejja li jista' jittieħed inkunsiderazzjoni (ara l-punt 139 iktar 'il quddiem), ma jaffettwax il-gravità intrinsika tal-aġir. Fir-rigward tal-assenza ta' korruzzjoni jew frodi, din ma tippermettix, bħala tali, li jiġi dedott li l-aġir l-ieħor kollu, minkejja li huwa inqas serju, ma jippreżentax il-gravità meħtieġa sabiex tiġi ġġustifikata miżura ta' esklużjoni.

131 Fl-aħħar nett, jista' jiġi kkonstatat li l-assenza ta' dannu dirett għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni, invokata mir-rikorrenti, ittieħdet ukoll inkunsiderazzjoni mill-EU-OSHA (premessi 101 u 113 tad-Deċiżjoni kkontestata). Madankollu, peress li l-aġir inkwistjoni jikkostitwixxi mġiba professjonali ħażina serja, huwa jimplika riskji għall-baġit tal-Unjoni, għaliex jista' jiġi rrepetut fil-kuntest ta' sejħiet għal offerti tal-Unjoni futuri jekk ir-rikorrenti tagħżel li tipparteċipa fihom (ara l-premessi 101 u 107 tad-Deċiżjoni kkontestata). Fil-fatt, mid-dispożizzjonijiet applikabbli f'dan il-każ jirriżulta li l-għan tagħhom huwa li jevitaw li entitajiet mhux affidabbli, b'mod partikolari għaliex kisru d-dritt tal-kompetizzjoni, ikunu jistgħu jingħataw kuntratti pubbliċi tal-Unjoni (ara l-punti 21 sa 24 u 71 iktar 'il fuq). Barra minn hekk, isegwi li f'dan il-każ, b'mod partikolari fid-dawl tal-gravità intrinsika tiegħu, il-portata territorjali limitata tal-aġir inkwistjoni hija irrilevanti.

132 It-tieni nett, fir-rigward tal-allegat irwol ta' instigatriċi tagħha, ir-rikorrenti taqra b'mod żbaljat id-deċiżjoni taċ-CNMC. Fil-fatt, mill-paragrafi ta' din id-deċiżjoni ddedikati għad-determinazzjoni tas-sanzjoni (paġni 271 u 272), jirriżulta li ċ-CNMC, minn naħa, sostniet

iċ-ċirkustanzi previsti fl-Artikolu 64(1) tal-Ley 15/2007 de defensa de la competencia (il-Liġi 15/2007 dwar il-Protezzjoni tal-Kompetizzjoni), tat-3 ta' Lulju 2007 (BOE Nru 159, tal-4 ta' Lulju 2007, p. 28848), li jirrigwarda l-perijodu tal-ksur, in-numru ta' sejħiet għal offerti kkonċernati kif ukoll id-dħul mill-bejgħ magħmul mill-ksur, u min-naħa l-oħra u b'żieda, iċ-ċirkustanza aggravanti prevista fl-Artikolu 64(2)(b) ta' din il-liġi, relatata mal-pożizzjoni ta' persuna responsabbli jew ta' instigatur tal-ksur. Għalhekk, ir-rwol partikolari tar-rikorrenti fil-ksur, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, kien effettivament irrikonoxxut miċ-CNMC. Barra minn hekk, tali rwol suffiċjenti kkaratterizza tal-inqas ċerta negliġenza, espressament imsemmija fid-dispożizzjonijiet applikabbli fosthom iċ-ċirkustanzi aggravanti (ara l-punt 121 iktar 'il fuq).

133 It-tielet nett, fir-rigward taċ-ċirkustanza attenwanti li jikkostitwixxu l-miżuri korrettivi adottati mir-rikorrenti, għandu jiġi ppreċiżat, preliminarjament, li dawn il-miżuri korrettivi, ikkunsidrati li huma fid-direzzjoni t-tajba, ittieħdu inkunsiderazzjoni f'dan il-każ mill-EU-OSHA, mhux sabiex tiġi dedotta affidabbiltà suffiċjenti tar-rikorrenti li tippermetti li ma tiġix eskluża (ara t-tieni motiv; ara wkoll il-premessi 102 u 103 tad-Deċiżjoni kkontestata), iżda sabiex jiġi llimitat il-perijodu tal-esklużjoni skont l-Artikolu 106(3) tar-Regolament finanzjarju preċedenti u mbagħad l-Artikolu 136(3) tar-Regolament finanzjarju (premessi 114 u 115 tad-Deċiżjoni kkontestata). Għalhekk, dan il-każ jirrigwarda l-analiżi tal-miżuri korrettivi adottati mir-rikorrenti sa fejn jikkontribwixxu, mhux għad-determinazzjoni tal-ksur, iżda għal dik tas-sanzjoni tiegħu, u jiġġustifikaw għalhekk li l-Qorti Ġenerali teżerċita l-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha. B'hekk, anki jekk dawn huma l-istess miżuri korrettivi li huma allegati, huma ttieħdu inkunsiderazzjoni mill-EU-OSHA għall-finijiet differenti fl-analiżi tagħha, u barra minn hekk abbażi ta' dispożizzjonijiet differenti, minn naħa, sabiex tivverifika l-eżistenza ta' aġir li jiġġustifika l-esklużjoni (Artikolu 106(7)(c) tar-Regolament finanzjarju preċedenti u l-Artikolu 136(6)(a) tar-Regolament finanzjarju), u min-naħa l-oħra, sabiex tiddetermina l-perijodu tal-esklużjoni (Artikolu 106(3) tar-Regolament finanzjarju preċedenti u l-Artikolu 136(3) tar-Regolament finanzjarju) (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Marzu 2024, Westpole Belgium vs Il-Parlament, T-640/22, mhux ippubblikata, EU:T:2024:188, punti 83 sa 86), li jimplika wkoll eżami differenti mill-Qorti Ġenerali ta' dawn iż-żewġ evalwazzjonijiet.

134 Għalhekk, sabiex teżerċita l-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, f'dan il-każ il-Qorti Ġenerali hija awtorizzata tieħu inkunsiderazzjoni provi kkomunikati għall-ewwel darba fil-kuntest ta' din l-istanza mingħajr ma jkunu kkomunikati preliminarjament lill-EU-OSHA (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenzi tas-16 ta' Novembru 2000, Stora Kopparbergs Bergslags vs Il-Kummissjoni, C-286/98 P, EU:C:2000:630, punt 57, u tat-12 ta' Lulju 2011, Fuji Electric vs Il-Kummissjoni, T-132/07, EU:T:2011:344, punti 209 u 210), bla ħsara madankollu tal-osservanza tar-regoli ta' ammissibbiltà stabbiliti mir-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

135 Għalhekk, b'applikazzjoni tal-Artikolu 85 tar-Regoli tal-Proċedura, għandhom jiġu esklużi bħala inammissibbli l-provi prodotti f'anness mar-replika. Fil-fatt, dawn il-provi dejjem setgħu ġew prodotti preċedentement, jew għax huma datati qabel id-data tar-rikors (Annessi C.1 u C.3), jew minkejja li huma datati wara, huma jirrigwardaw rapport annwali u dikjarazzjoni annwali (Annessi C.2 u C.4), li l-verżjoni tagħhom tas-snin preċedenti setgħet ġiet prodotta, jew huma screenshots li setgħu ttieħdu qabel (Anness C.5). Barra minn hekk, peress li l-EU-OSHA kkritikat lir-rikorrenti, fid-Deċiżjoni kkontestata, l-insuffiċjenza ta' prova tal-implimentazzjoni tal-miżuri korrettivi allegati, implimentazzjoni li l-provi kienu intiżi li jistabbilixxu, l-imsemmija provi ma jaqgħux taħt provi kuntrarji li l-ammissibbiltà tagħhom hija ammessa anki fl-istadju tar-replika (ara s-sentenza tal-5 ta' Ottubru 2020, HeidelbergCement u Schwenk Zement vs Il-Kummissjoni, T-380/17, EU:T:2020:471, punti 161 u 162 (mhux ippubblikata) u l-ġurisprudenza ċċitata).

136 Għall-kuntrarju, għandhom jiġu ddikjarati ammissibbli, għar-raġunijiet elenkati fil-punt 134 iktar 'il fuq, il-provi kkomunikati għall-ewwel darba fil-kuntest ta' din l-istanza, f'anness mar-rikors, mingħajr ma kienu prodotti preliminarjament lill-EU-OSHA.

137 Issa, mill-eżami ta' dawn il-provi jirriżulta li huma jikkorroboraw data diġà stabbilita mill-provi preċedentement ikkomunikati lill-EU-OSHA (Anness A.31, fir-rigward tat-tmiem tas-servizz tal-membru responsabbli), li jirrigwardaw miżuri korrettivi ġodda (twettiq ta' awditi interni każwali u ħolqien tal-funzjoni ta' "konsulent speċjali dwar ir-riskji" stabbiliti mill-Annessi A.32 sa A.34) u li juru wkoll l-eżistenza ta' ċerti miżuri, jew il-bidu ta' implimentazzjoni ta' wħud minnhom (Annessi A.35 sa A.48, fir-rigward tal-aġġornament tal-programm ta' konformità, tal-proċeduri u politiki fil-qasam tal-etika, kif ukoll it-taħriġ tal-impjegati).

138 Minn dan jista' jiġi dedott, bħal dak ikkonstatat mill-EU-OSHA, li l-miżuri korrettivi adottati mir-rikorrenti huma fid-direzzjoni t-tajba. Madankollu, tnaqqis tas-sanzjoni, f'dan il-każ tal-perijodu tal-esklużjoni, abbażi ta' tali miżuri korrettivi għandu jsir biss b'kawtela kbira sabiex ma jkunx jista' jiġi interpretat bħala inċentiv biex titwettaq imġiba professjonali ħażina serja filwaqt li tiġi kkunsidrata l-possibbiltà ta' tnaqqis tas-sanzjoni minħabba bidla sussegwenti fl-aġir tal-persuna jew tal-entità kkonċernata (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tat-18 ta' Lulju 2005, Scandinavian Airlines System vs Il-Kummissjoni, T-241/01, EU:T:2005:296, punt 228).

139 Fid-dawl tal-konstatazzjonijiet u ċ-ċirkustanzi kollha msemmija iktar 'il fuq kif ukoll taċ-ċirkustanza aggravanti mhux ikkontestata tat-tul tal-aġir inkwistjoni u taċ-ċirkustanza attenwanti lanqas ikkontestata taż-żmien li għadda sa mill-aġir inkwistjoni, għandu jiġi kkunsidrat li l-miżura ta' esklużjoni ta' sentejn, sostnuta mill-EU-OSHA hija inqas mill-perijodu massimu ta' tliet snin previst mid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament finanzjarju, tikkostitwixxi sanzjoni proporzjonata sabiex tevita li entitajiet mhux affidabbli jkunu jistgħu jingħataw kuntratt pubbliċi tal-Unjoni u sabiex tippreżerva l-finanzi tal-Unjoni.

140 Konsegwentement, it-tielet motiv għandu jiġi miċħud.

Fuq ir-raba' motiv, li jirrigwarda l-pubblikazzjoni tal-esklużjoni

141 Ir-rikorrenti ssostni li billi ddeċidiet li tippubblika s-sanzjoni ta' esklużjoni, l-EU-OSHA kisret l-obbligu tagħha ta' motivazzjoni, wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni u kisret il-prinċipju ta' proporzjonalità.

142 L-ewwel nett, il-motivazzjoni tal-pubblikazzjoni tal-esklużjoni hija sterjotipika u għalhekk ma tissodisfax id-dispożizzjonijiet tar-Regolament finanzjarju, li jeħtieġu motivazzjoni dwar il-ħtieġa tal-pubblikazzjoni fiċ-ċirkustanzi tal-każ u dwar l-effett dissważiv tal-pubblikazzjoni.

143 It-tieni nett, ir-rikorrenti targumenta n-natura manifestament infondata tal-pubblikazzjoni deċiża f'dan ir-rigward fid-dawl tal-kriterji stabbiliti mill-Artikolu 140 tar-Regolament finanzjarju, li jipprevedu l-pubblikazzjoni fil-każ ta' ħtieġa ta' tisħiħ tal-effett dissważiv tal-esklużjoni u jeskludu din il-pubblikazzjoni fil-każ ta' dannu sproporzjonat kkawżat lill-operatur ekonomiku kkonċernat. F'dan ir-rigward, hija tenfasizza l-assenza ta' dannu dirett ikkawżat lill-interessi finanzjarji tal-Unjoni, l-eżistenza ta' diversi każijiet ta' esklużjoni ferm iktar sanzjonabbli minn dak li ġġustifika l-esklużjoni tagħha, il-portata territorjali limitata tal-fatti kontenzjużi, l-adozzjoni ta' miżuri korrettivi li huma fid-direzzjoni t-tajba, il-waqfien tal-aġir iktar minn ħames snin ilu u r-riskju partikolarment żgħir li hija tirrepeti l-aġir kontenzjuż, b'teħid inkunsiderazzjoni b'mod partikolari tal-emenda tal-leġiżlazzjoni Spanjola u tat-tmiem tas-servizz tal-assoċjat responsabbli

mill-imsemmi aġir. Barra minn hekk, ir-rikorrenti tikkontesta, is-setgħa ta' evalwazzjoni mingħajr limitu tal-EU-OSHA fil-qasam tal-pubblikazzjoni, meħuda inkunsiderazzjoni l-osservanza meħtieġa tal-limiti espressament stabbiliti mill-Artikolu 140 tar-Regolament finanzjarju.

144 It-tielet nett, il-pubblikazzjoni hija totalment sproporzjonata, meħuda inkunsiderazzjoni l-eżistenza ta' ċirkustanza aggravanti waħda u l-preġudizzju irrimedjabbli kkawżat mill-pubblikazzjoni lir-reputazzjoni tar-rikorrenti kif ukoll għal dik tal-entitajiet kollha li joperaw taħt it-trade mark tal-grupp. Ir-rikorrenti żżid li l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni taċ-CNMC fuq is-sit internet ta' din tal-aħħar u fl-istampa Spanjola jikkonfermaw in-natura inutli tal-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata.

145 Għandu jiġi ppreċiżat li d-dispożizzjoni applikabbli f'dan il-każ, meħuda inkunsiderazzjoni d-data tal-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata, huwa l-Artikolu 140 tar-Regolament finanzjarju, li huwa simili għall-Artikolu 106(16) tar-Regolament finanzjarju preċedenti u huwa fformulat kif ġej:

"Pubblikazzjoni tal-esklużjoni u tal-penali finanzjarji

1. Sabiex fejn meħtieġ, jissaħħaħ l-effett ta' deterrent tal-esklużjoni u/jew tal-penali finanzjarja, il-Kummissjoni għandha, soġġett għal deċiżjoni tal-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli, tippubblika fuq is-sit internet tagħha l-informazzjoni li ġejja dwar l-esklużjoni u, fejn applikabbli, il-penali finanzjarja fil-każijiet imsemmija fil-punti (c) sa (h) tal-Artikolu 136(1):

a) l-isem tal-persuna jew tal-entità msemmija fl-Artikolu 135(2) ikkonċernata;

b) is-sitwazzjoni tal-esklużjoni;

c) id-durata tal-esklużjoni u/jew l-ammont tal-penali finanzjarja.

Fejn id-deċiżjoni dwar l-esklużjoni u/jew il-penali finanzjarja tkun ittieħdet abbażi ta' klassifikazzjoni preliminari kif imsemmi fl-Artikolu 136(2), il-pubblikazzjoni għandha tindika li ma hemm l-ebda sentenza finali jew, fejn applikabbli, deċiżjoni amministrattiva finali. F'tali każijiet, informazzjoni dwar kwalunkwe appell, l-istatus tiegħu u l-eżitu tiegħu, kif ukoll kwalunkwe deċiżjoni riveduta tal-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli għandha tiġi ppubblikata mingħajr dewmien. Fejn tkun ġiet imposta penali finanzjarja, il-pubblikazzjoni għandha tindika wkoll jekk dik il-penali tħallsitx.

Id-deċiżjoni li tiġi ppubblikata l-informazzjoni għandha tittieħed mill-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli, jew wara sentenza finali rilevanti jew, fejn applikabbli, deċiżjoni amministrattiva finali, jew wara r-rakkomandazzjoni tal-bord […], skont il-każ. Dik id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ tliet xhur wara li tiġi nnotifikata lill-persuna jew lill-entità ikkonċernata, kif imsemmi fl-Artikolu 135(2).

L-informazzjoni ppubblikata għandha titneħħa malli l-esklużjoni tasal fi tmiemha. Fil-każ ta' penali finanzjarja, il-pubblikazzjoni għandha titneħħa sitt xhur wara li titħallas dik il-penali.

[…]

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandhiex tiġi ppubblikata fi kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

[…]

b) fejn il-pubblikazzjoni tikkawża ħsara sproporzjonata lill-persuna jew lill-entità msemmija fl-Artikolu 135(2) ikkonċernata jew inkella tkun sproporzjonata abbażi tal-kriterji tal-proporzjonalità stabbiliti fl-Artikolu 136(3) u b'kont meħud tal-ammont tal-penali finanzjarja;

[…]"

146 F'dan il-każ, l-EU-OSHA ddeċidiet, fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni kkontestata, li tippubblika l-esklużjoni imposta lir-rikorrenti fuq is-sit internet tal-Kummissjoni matul il-perijodu kollu ta' din l-esklużjoni. Hija qieset li l-aġir tar-rikorrenti li minnu oriġinat is-sanzjoni kien "partikolarment dannuż u sanzjonabbli", peress li kien ġie "pprovat ksur serju tar-regoli li jirregolaw il-funzjonament tas-suq, minħabba l-parteċipazzjoni intensa u kontinwa fi prattiki kollużivi intiża sabiex jirrestrinġu u jostakolaw il-kompetizzjoni". Barra minn hekk, hija indikat li ppubblikat l-esklużjoni sabiex issaħħaħ l-effett dissważiv tagħha (premessi 119 sa 121 tad-Deċiżjoni kkontestata).

147 Qabelxejn, għandu jiġi kkunsidrat li d-deċiżjoni ta' pubblikazzjoni tal-esklużjoni tar-rikorrenti hija suffiċjentement motivata.

148 Fil-fatt, il-premessi 119 sa 121 tad-Deċiżjoni kkontestata juru b'mod ċar u inekwivoku r-raġunament tal-EU-OSHA, ibbażat fuq il-gravità tal-aġir tar-rikorrenti u l-għan imfittex tat-tisħiħ tal-effett dissważiv tal-esklużjoni (ara l-punt 146 iktar 'il fuq), u għalhekk, skont ġurisprudenza stabbilita, tippermetti lir-rikorrenti tkun taf il-ġustifikazzjonijiet tal-miżura adottata u lill-Qorti Ġenerali teżerċita l-istħarriġ tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-1 ta' Lulju 2008, Chronopost u La Poste vs UFEX *et*, C-341/06 P u C-342/06 P, EU:C:2008:375, punt 88 u l-ġurisprudenza ċċitata). Barra minn hekk, meħuda inkunsiderazzjoni l-ispeċifikazzjoni dwar il-gravità partikolari tal-aġir tar-rikorrenti, li għandha tinqara b'mod partikolari fid-dawl tal-premessi 40 sa 44 tad-Deċiżjoni kkontestata li jippreċiżaw il-klassifikazzjoni tal-fatti f'dan il-każ bħala mġiba professjonali ħażina serja, ma jistax jiġi kkunsidrat li tali motivazzjoni hija ta' natura sterjotipika. L-istess japplika għar-riferiment, mingħajr ebda preċiżazzjoni oħra, għall-ħtieġa ta' tisħiħ tal-effett dissważiv tal-esklużjoni, sa fejn tali ħtieġa hija inerenti għall-gravità partikolari tal-ksur imwettaq (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2022, Vialto Consulting vs Il-Kummissjoni, T-537/18, mhux ippubblikata, EU:T:2022:852, punt 160).

149 Fir-rigward tal-fondatezza tal-pubblikazzjoni, għandu jiġi ppreċiżat, preliminarjament, li fil-preżenza ta' mġiba professjonali ħażina serja, l-esklużjoni u l-pubblikazzjoni huma kumplimentari, għaliex għandhom, fl-aħħar mill-aħħar, l-istess għan li jwasslu lill-persuni kkonċernati kollha jirrinunzjaw għal eventwali ksur tar-regoli (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2022, Vialto Consulting vs Il-Kummissjoni, T-537/18, mhux ippubblikata, EU:T:2022:852, punti 152 u 171). Bħala aċċessorju għas-sanzjoni ta' esklużjoni, għandu jiġi kkunsidrat li, b'konformità mal-ġurisprudenza dwar l-istħarriġ tal-legalità tas-sanzjonijiet, l-istħarriġ eżerċitat dwar il-proporzjonalità tal-pubblikazzjoni ma jistax ikun ristrett, iżda għandu

jkun stħarriġ dettaljat kemm fil-liġi kif ukoll fil-fatti (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tad-9 ta' Ġunju 2021, DI vs BĊE, T-514/19, EU:T:2021:332, punt 197 u l-ġurisprudenza ċċitata; ara wkoll il-punt 128 iktar 'il fuq).

150 Madankollu, jibqa' l-fatt li l-esklużjoni u l-pubblikazzjoni ma humiex ekwivalenti fl-effetti tagħhom, peress li l-esklużjoni hija essenzjalment punittiva filwaqt li l-pubblikazzjoni hija dissważiva u preventiva. Minn dan isegwi li d-deċiżjoni ta' pubblikazzjoni għandha tkun is-suġġett ta' analiżi ta' proporzjonalità speċifika, anki jekk il-fatti li minnhom joriġinaw il-miżura ta' pubblikazzjoni u s-sanzjoni ta' esklużjoni jistgħu jkunu komuni u studjati fl-istess waqt u minkejja li l-kriterji ta' evalwazzjoni tal-proporzjonalità tagħhom huma parzjalment komuni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2022, Vialto Consulting vs Il-Kummissjoni, T-537/18, mhux ippubblikata, EU:T:2022:852, punti 171 u 173).

151 F'dan il-każ, fir-rigward, l-ewwel nett, tal-ħtieġa ta' tisħiħ tal-effett dissważiv tal-esklużjoni, għandu jitfakkar li tali ħtieġa hija inerenti għall-gravità tal-aġir inkwistjoni (ara l-punt 148 iktar 'il fuq). Issa, kif jirriżulta mill-eżami tal-proporzjonalità tal-esklużjoni, ir-rikorrenti ma tikkontestax fil-kuntest tal-ewwel istanza t-twettiq tal-ksur issanzjonat miċ-CNMC, u lanqas il-provi li jistabbilixxu l-gravità intrinsika tiegħu (ara l-punt 130 iktar 'il fuq; ara wkoll il-punt 49 iktar 'il fuq), li ma hijiex ikkontestata mill-eżistenza ta' każijiet ta' esklużjoni iktar sanzjonabbli. Barra minn hekk, mill-analiżi tal-miżuri korrettivi adottati mir-rikorrenti, jirriżulta li minkejja li huma fid-direzzjoni t-tajba, huma ma jippermettux li tiġi konkluża l-kisba mill-ġdid tal-affidabbiltà tar-rikorrenti (ara l-punti 113 u 138 iktar 'il fuq), affidabbiltà li lanqas tista' tiġi dedotta biss miż-żmien li għadda sa mill-waqfien tal-ksur. Barra minn hekk, la l-allegata portata territorjali limitata tal-fatti kontenzjużi, la l-assenza ta' dannu direct ikkawżat lill-interessi finanzjarji tal-Unjoni, u lanqas l-allegata emenda tal-leġiżlazzjoni Spanjola li tipprekludi t-tip ta' kuntratt pubbliku kkonċernat mill-aġir inkwistjoni, ma huma determinanti għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-ħtieġa tat-tisħiħ tal-effett dissważiv tal-esklużjoni fis-sens tal-Artikolu 140(1) tar-Regolament finanzjarju, peress li din id-dissważjoni hija intiża sabiex tevita r-repetizzjoni tal-aġir inkwistjoni fir-relazzjonijiet futuri tal-persuna jew tal-entità kkonċernata mal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni. Fir-rigward tal-allegat riskju partikolarment żgħir li r-rikorrenti tirrepeti l-aġir inkwistjoni, minbarra l-fatt li r-rikorrenti ssostnih biss permezz tal-emenda tal-leġiżlazzjoni Spanjola u tal-miżura korrettiva li tikkonsisti fit-tmiem tas-servizz tal-assoċjat responsabbli mill-aġir inkwistjoni, it-tnejn miċħuda iktar 'il fuq, għandu jitfakkar li d-dissważjoni tirrigwarda mhux biss l-impriża kkonċernata, iżda wkoll lit-terzi (ara, b'analoġija, is-sentenza tad-29 ta' Novembru 2005, Union Pigments vs Il-Kummissjoni, T-62/02, EU:T:2005:430, punt 174). Minn dan isegwi li l-EU-OSHA ma wettqitx żball ta' evalwazzjoni billi qieset li kien neċessarju li jissaħħaħ l-effett dissważiv tal-esklużjoni billi tippubblikaha.

152 It-tieni nett, fir-rigward tal-preġudizzju għar-reputazzjoni tar-rikorrenti, għandu jiġi kkunsidrat li tali preġudizzju huwa inerenti għall-pubblikazzjoni tal-esklużjoni u f'dan il-każ ma jikkostitwixxix dannu sproporzjonat fis-sens tal-Artikolu 140(2)(b) tar-Regolament finanzjarju.

153 Fil-fatt, qabel din il-pubblikazzjoni, id-deċiżjoni taċ-CNMC kienet magħmula aċċessibbli fis-sit internet ta' din tal-aħħar u l-istampa Spanjola tat rendikont ta' din id-deċiżjoni. Barra minn hekk, l-impatt tal-pubblikazzjoni deċiża mill-EU-OSHA huwa limitat mill-indikazzjoni, imposta mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 140(1) tar-Regolament finanzjarju, tan-natura mhux definittiva tad-deċiżjoni taċ-CNMC, meħud inkunsiderazzjoni f'dan il-każ, ir-rikors ippreżentat kontra din id-deċiżjoni quddiem l-Audiencia Nacional (il-Qorti Nazzjonali) u tas-sospensjoni ordnata minn din il-qorti. Tali pubbliċità mogħtija lin-natura mhux definittiva tad-deċiżjoni

taċ-CNMC, li tmur lil hinn mill-kuntest nazzjonali, tista' tnaqqas ukoll l-effetti prodotti mit-tixrid tad-deċiżjoni taċ-CNMC fuq is-sit internet ta' din tal-aħħar u r-riproduzzjoni tagħha fl-istampa Spanjola.

154 Minn dan jirriżulta li r-raba' motiv għandu jiġi miċħud.

155 L-istess ikun japplika jekk, kif talbet ir-rikorrenti waqt is-seduta, il-Qorti Ġenerali teżerċita l-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha sabiex tiddeċiedi dwar dan il-motiv. Fil-fatt, mingħajr il-bżonn li tiddeċiedi dwar l-ammissibbiltà ta' din it-talba u dwar il-possibbiltà tal-Qorti Ġenerali li tissostitwixxi l-evalwazzjoni tagħha stess minflok dik tal-EU-OSHA fir-rigward tal-pubblikazzjoni tal-esklużjoni skont l-Artikolu 143(9) tar-Regolament finanzjarju, għandu jiġi kkunsidrat li, fl-assenza ta' prova addizzjonali mressqa mir-rikorrenti insostenn tat-talba tagħha u fid-dawl tal-elementi eżaminati iktar 'il fuq, il-pubblikazzjoni tal-esklużjoni tar-rikorrenti hija ġġustifikata.

Fuq il-ħames motiv, li jirrigwarda l-assenza ta' evalwazzjoni tal-applikazzjoni ta' sanzjoni finanzjarja bħala alternattiva għall-esklużjoni

156 Sussidjarjament, ir-rikorrenti tikkritika, l-ewwel nett, lill-EU-OSHA talli ma evalwatx l-applikazzjoni ta' sanzjoni finanzjarja bħala alternattiva għad-deċiżjoni ta' esklużjoni, b'konformità mal-Artikolu 106(13)(a) tar-Regolament finanzjarju preċedenti, li huwa applikabbli f'dan il-każ. Minn dan iddeduċiet, fir-replika, li d-Deċiżjoni kkontestata hija vvizzjata b'nuqqas manifest ta' motivazzjoni f'dan ir-rigward.

157 It-tieni nett, ir-rikorrenti titlob, fil-każ li l-Qorti Ġenerali ma tilqax dan l-ilment, li s-sanzjoni ta' esklużjoni tiġi ssostitwita, fir-rigward tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, minn sanzjoni finanzjarja raġonevoli fid-dawl taċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, li tkun bejn 2 % u 10 % tal-valur tas-suq. Hija tenfasizza l-ammissibbiltà ta' din it-talba, sostnuta f'dan il-każ bl-argument speċifiku tal-applikazzjoni tad-dispożizzjoni l-iktar favorevoli fil-qasam tas-sanzjoni.

158 Preliminarjament, għandu jiġi ppreċiżat li fid-dawl taċ-ċaħda tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' motiv, dan il-motiv invokat sussidjarjament għandu jiġi eżaminat fil-każ taċ-ċaħda tal-motivi l-oħra li jikkontestaw is-sanzjoni ta' esklużjoni.

159 Għandu jiġi rrilevat, u dan ma huwiex ikkontestat bejn il-partijiet, li d-dispożizzjoni applikabbli f'dan il-każ hija dik tar-Regolament finanzjarju preċedenti.

160 Fil-fatt, hija biss din id-dispożizzjoni li tipprevedi l-possibbiltà li l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli jissostitwixxi s-sanzjoni ta' esklużjoni b'sanzjoni finanzjarja meta esklużjoni tkun sproporzjonata għal kull operatur ekonomiku, bħar-rikorrenti, filwaqt li l-Artikolu 138(1) tar-Regolament finanzjarju jippermetti tali sostituzzjoni biss għal ċerti operaturi ekonomiċi, ir-"riċevitur[i li magħhom] jkun ġie assunt impenn legali". Għalhekk, b'konformità mal-ġurisprudenza, fil-preżenza ta' żvilupp fil-leġiżlazzjoni dwar is-sanzjonijiet amministrattivi, li jwassal sabiex dwar ċerti aspetti l-leġiżlazzjoni l-ġdida tkun inqas severa, iżda dwar aspetti oħra iktar severa minn ta' qabel, hemm lok li tiġi applikata l-leġiżlazzjoni l-iktar klementi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2017, NC vs Il-Kummissjoni, T-151/16, EU:T:2017:437, punt 55 u l-ġurisprudenza ċċitata), jiġifieri, f'dan il-każ, dik tar-Regolament finanzjarju preċedenti.

161 Skont l-Artikolu 106(13)(a) tar-Regolament finanzjarju preċedenti:

"13. Sabiex jiġi żgurat effett ta' deterrent, l-awtorità kontraenti, wara li tikkunsidra, fejn applikabbli, ir-rakkomandazzjoni tal-bord imsemmi fl-Artikolu 108, tista' timponi penali finanzjarja fuq operatur ekonomiku li pprova jikseb aċċess għal fondi tal-Unjoni billi jipparteċipa jew jitlob li jipparteċipa fi proċedura ta' akkwist, filwaqt li jkun, mingħajr ma jkun iddikjaraha f'konformità mal-paragrafu 10 ta' dan l-Artikolu, f'waħda mis-sitwazzjonijiet ta' esklużjoni li ġejjin:

a) rigward is-sitwazzjonijiet imsemmija fil-punti (c), (d), (e) u (f) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, bħala alternattiva għal deċiżjoni li teskludi l-operatur ekonomiku, fejn tali esklużjoni tkun sproporzjonata abbażi tal-kriterji msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu".

162 Fl-ewwel lok, mill-kliem ta' din id-dispożizzjoni li tipprevedi fakultà ta' sostituzzjoni, jista' jiġi dedott li l-EU-OSHA ma kinitx, f'dan il-każ, marbuta teżamina l-ipoteżi ta' sostituzzjoni tas-sanzjoni ta' esklużjoni b'sanzjoni finanzjarja. Dan iktar u iktar peress li kif jirriżulta mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti l-EU-OSHA qieset, ġustament, li l-esklużjoni ma kinitx tikkostitwixxi sanzjoni sproporzjonata. Għalhekk, ma tistax tiġi kkritikata b'nuqqas ta' motivazzjoni f'dan ir-rigward.

163 Fit-tieni lok, fir-rigward tat-talba mressqa lill-Qorti Ġenerali intiża sabiex tagħmel hija stess din is-sostituzzjoni fil-kuntest tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, għandu jiġi kkonstatat li din għandha tiġi miċħuda bħala infondata, mingħajr ma għandha tingħata deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà tagħha, ikkontestata mill-EU-OSHA. Fil-fatt, ir-rikorrenti invokat biss l-applikazzjoni tal-Artikolu 106(13)(a) tar-Regolament finanzjarju preċedenti, mingħajr ma allegat ir-raġunijiet li għalihom is-sanzjoni ta' esklużjoni kellha, f'dan il-każ, tiġi ssostitwita b'sanzjoni finanzjarja. Barra minn hekk u fi kwalunkwe każ, mill-eżami tat-tielet motiv jirriżulta li s-sanzjoni ta' esklużjoni imposta f'dan il-każ hija xierqa u għalhekk, ma għandhiex tiġi ssostitwita b'sanzjoni finanzjarja.

164 Konsegwentement, il-ħames motiv għandu jiġi miċħud.

165 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha jirriżulta li dan ir-rikors għandu jiġi miċħud.

Fuq l-ispejjeż

166 Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura, kull parti telliefa għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk issir talba f'dan is-sens. Peress li r-rikorrenti tilfet, hija għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, inkluż dawk relatati mal-proċeduri għal miżuri provviżorji, b'konformità mat-talbiet tal-EU-OSHA.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Ir-Raba' Awla Estiża)

taqta' u tiddeċiedi:

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) VC hija kkundannata għall-ispejjeż, inkluż dawk relatati mal-proċeduri għal miżuri provviżorji.

Papasavvas da Silva Passos Gervasoni

Półtorak Reine

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fit-2 ta' Ottubru 2024.

Firem